KAPITOLU 04

# Rakkomandazzjonijiet għar-Riforma fis-Sistemi tal-Pensjonjiiet biex il-Pensjonijiet ikunu Adegwati u Sostenibbli

04

SOMMARJU

**Jippreżenta prinċipji u rakkomandazzjonijiet dwar:**

**01. Li tiġi assigurata l-adegwatezza: jiġifieri jippermetti li l-poplu jżomm livell ta' għixien diċenti u jipprevjeni l-esklużjoni soċjali permezz tal-promozzjoni tas-solidarjetà fost il-ġenerazzjonijiet.**

**02. Li tinkiseb sostenibbilità finanzjarja: billi tiġi mtawla il-ħajja fuq ix-xogħol; finanzi pubbliċi b'saħħithom**

**03. Li jirrispondi għal bidliet fin-normi tax-xogħol bħalma huma ħaddiema atipiċi u mobbli; u l-evoluzzjoni tar-rwoli soċjali u ekonomiċi ta' l-irġiel u n-nisa.**



## 04.1 Valur 01: Biex tipprevjeni l-Esklużjoni Soċjali

Il-livell ta' garanzija tal-pensjoni fi ħdan sistema tal-pensjonijiet hu determinat mir-responsabbilità maqsuma bejn kull min hu involut u bil-livell ta' għixien li s-sistema tal-pensjonijiet hija ddisinjata li tiggarantixxi.

L-istrumenti politici biex jiksbu garanziji ta' pensjoni jvarjaw. Id-Danimarka u l-Olanda, per eżempju, jipprovdu rata universali ta' pensjoni mhux marbuta mal-mezzi, iżda marbuta mal-qligħ, lil persuni kollha li kienu residenti fl-età li wieħed jista' jaħdem fiha. Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet fl-Isvezja, min-naħa l-oħra, tinkludi pensjoni garantita li tiddependi fuq il-mezzi paragunata mad-dħul mill-qligħ statutorju li għandu x'jaqsam ma' l-iskema tal-pensjonijiet. Oħrajn joffru ħlasijiet miżjuda biex jgħollu d-dritt għal pensjonijiet li huma relatati mal-qligħ għal-livell minimu speċifikat.

Il-PWG jemmen li s-sistema ġdida tal-pensjonijiet għal Malta għandha tibbilanċja l-għoti ta' xibka ta' sigurtà mmirata biex tipprevjeni l-esklużjoni soċjali fix-xjuħija waqt li tippermetti flessibilità biex tippermetti l-poplu jtejjeb il-ġid ekonomiku tiegħu kif ukoll biex iġemma' barra mis-sistema tal-pensjonijiet statali ħalli ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tiegħu la darba jirtira. Bażikament dan ifisser li l-forza strateġika bażika tal-pensjoni PAYG (jew l-Ewwel Pilastru) għandha tkun dik li tiggarantixxi livell ta' għixien diċenti minimu sabiex jipprevjeni l-esklużjoni soċjali, bit-Tieni Pilastru li jiġi ntrodott biex jippermetti t-titjib tad-dritt għal-benefiċċju tal-pensjoni.

Il-Medji tal-UE tas-segmenti ta' l-etajiet minn 50 sa 64 u ta' 65 u aktar li nstabu li qegħdin viċin fir-riskju tal-faqar (eslużi l-għaxar stati membri ġodda) hi ta' 14% u 20% rispettivament; il-pożizzjoni ta' Malta hija f'dawn il-medji. Dan juri biċ-ċar li l-konnessjoni bejn xjuħija u faqar hija realtà. Bażikament, dawn il-paraguni relattivament għoljin ta' riskju tal-faqar jirrafforzaw il-ħtieġa li wieħed jenfasizza li l-iskop tal-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun immirat lejn l-inklużjoni soċjali u l-prevenzjoni tal-faqar.

### Deċiżjoni ta' Prinċipju: 03

Għandu jkun hemm garanzija ta' pensjoni minima li taġixxi bħala xibka ta' sigurtà kontra l-esklużjoni soċjali

Id-determinazzjoni tal-kwantum tal-pensjoni minima, madankollu, m'għandhiex tkun eżerċizzju ta' darba. Jeħtieġ li jiġi ntrodott mekkaniżmu li jassigura li l-valur tal-garanzija ta' pensjoni minima jibqà tajjeb matul iż-żmien. Għalhekk hemm bżonn li jinħoloq mekkaniżmu ġust biex jassigura awtomatikament kontra t-tgħawwir tal-valur tal-pensjoni minima.

### Deċiżjoni ta' Prinċipju: 04

Hemm bżonn li jinħoloq mekkaniżmu ġust biex jassigura awtomatikament il-valur tal-garanzija tal-Pensjoni Minima kontra l-inflazzjoni.

Id-dibattitu li għandu jsegwi hu dak li jiddetermina l-elementi li għandhom jiġu applikati fid-disinn ta' l-istrument biex dan il-prinċipju jintlaħaq. Element kardinali għandu jkun mekkaniżmu li jippermetti li l-Istat jista' iżid il-benefiċċju fil-każ li l-bażi tal-kontribuzzjoni ma tkunx biżżejjed biex tilħaq il-garanzija tal-Pensjoni Minima .

Madankollu, huwa mportanti li wieħed jenfasizza li l-mekkaniżmu ta' żjieda għandu jkun suġġett għal ċerti kondizzjonijiet ta' l-aspetti kontributorji tas-sistema tal-pensjonijiet. Għalhekk żieda m'għandhiex issir bħala ħaġa naturali. Din iż-żjieda għandha tkun immirata biex tindirizza pawsi fil-ħajja ta' xogħol ta' individwu li jinħolqu għal raġunjiet leġittimi: qgħad, mard, diżabilità, eċċ.

Waqt li l-Gvern għandu jkompli jonora il-premessa fundamentali li l-politika tiegħu għandha tkun imfassla fi ħdan ambjent ta' kuxjenza soċjali, ma jistax jippermetti li persuni jabbużaw u jużaw ħażin l-ixbieki ta' sigurtà soċjali li jkun ħoloq. Għalhekk ma hemm l-ebda lok għal nies li jabbużaw – li fl-aħħar mill-aħħar jgħixu minn fuq il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-maġġoranza ta' persuni onesti u ħabrieka.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 05

Id-dibattitu li għandu jsegwi hu dak li jiddetermina l-elementi li għandhom jiġu applikati fid-disinn ta' l-istrument biex dan il-prinċipju jintlaħaq. Element kardinali għandu jkun mekkaniżmu li jippermetti li l-Istat jista' iżid il-benefiċċju fil-każ li l-bażi tal-kontribuzzjoni ma tkunx biżżejjed biex tilħaq il-garanzija tal-Pensjoni Minima .

## 04.2 Valur 02: Biex il-Poplu jista' jżomm Livelli ta' Għixien

L-għan tas-sistemi tal-pensjonijiet m'għandux ikun limitat biex jassigura li persuni anzjani ma jgħixux fil-faqar – iżda għandhom ukoll jipprovdu għal arranġamenti biex il-poplu jżomm, sa livell raġonevoli, il-livell ta' għixien li jkunu kiseb matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu.[71]

Il-kwistjoni fundamentali hija jekk l-Istat jistax ikun il-garanti waħdieni biex mhux biss jassigura struttura tal-pensjonijiet li tipprevjeni l-esklużjoni soċjali iżda li tkun waħda illi żżomm ukoll il-livell ta' għixien ta' l-individwu. L-istruttura preżenti tal-pensjonijiet tassumi li l-Istat jista' jkun il-garanti waħdieni ta' dan il-livell ta' għixien. Bażikament, il-mudell preżenti tal-pensjonijiet jiskoraġġixxi u jippenalizza l-prinċipju ta' "għin lilek innifsek".

L-istudji dwar pensjonijiet mwettqa f'Malta mill-1997, kif muri fil-Kapitolu 02, jiġu kollha għall-konklużjoni li hemm bżonn li l-filosofija preżenti tiġi orjentata minn waħda fejn l-Istat jipprovdi l-medda kompleta tal-pensjonijiet għal waħda fejn l-individwu jagħraf il-limitazzjonijiet ta' l-Istat li ma jistgħux jiġu evitati u jassumi responsabbiltà akbar biex jipprovdi għal ħtiġiet tiegħu jew tagħha meta jirtira / tirtira – b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbilità tas-sistema tal-pensjonijiet.

Il-mekkaniżmu primarju sabiex jiżdied id-dħul tal-pensjoni ta' persuna għandu jkun permezz ta' l-introduzzjoni ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru (SPPS). L-introduzzjoni ta' l-SPPS hija evoluzzjoni naturali ta' l-istruttura tal-pensjonijiet kif ġie muri fl-Ewropa u fi bnadi oħra biex jiżgura u jiggarantixxi adegwatezza, billi jippermetti il-provdiment ta' kopertura ta' pensjonijiet addizzjonali biex il-poplu jkun jista' jżomm grad raġonevoli tal-livell ta' għixien li kellu qabel ma rtira. Fil-fatt dan mhuwiex kunċett ġdid għal Malta. Qabel l-introduzzjoni ta' l-Iskema tal-pensjonijiet taż-żewġ terzi fl-1979 kien hemm diġà parti sostanzjali, dejjem tikber, tal-popolazzjoni li kienet koperta kemm bl-Ewwel Pilastru (Sigurtà Nazzjonali) kif ukoll bit-Tieni Pilastru (Pensjoni tax-Xogħol).

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 06

Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha tinkludi Skema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru (SPPS) biex iżżid id-dħul tal-pensjoni ta' persuna sabiex ittejjeb il-livell ta' għixien.

Huwa naturali li l-livell ta' għixien ta' ċerti kategoriji tal-poplu hu tali li jitlob aktar supplementi fid-dħul tal-pensjonijiet tagħhom biex iżomm il-valur tal-livell ta' għixien ta' qabel ma rtiraw. F'dan ir-rigward, is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha wkoll tipprovdi għal skema tal-pensjonijiet tat-Tielet Pilastru (TPPS). It-TPPS għandha tkun għażla volontarja biex tikkumplimenta d-dħul tal-pensjonijiet.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 07

Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha wkoll tipprovdi għal Skema tal-Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru (TPPS) li għandha tkun għażla volontarja mmirata biex tikkomplimenta d-dħul tal-pensjonijiet.

Waqt li l-SPPS u t-TPPS għandhom jiġu meqjusa separatament minħabba fil-kwistjonijiet differenti li jippreżentaw, kwistjoni li hija komuni għaż-żewġ Pilastri tirreferi għar-reġim regolatorju li jeħtieġ li jinħoloq biex jassigura l-amministrazzjoni tajba tas-sistema.

Id-diskussjonjiet dwar l-iskemi ta' assigurazzjoni ta' pensjoni privata f'Malta ġew mogħtija impressjoni ta' inċertezza li nħolqot minn ġrajjiet internazzjonali ta' abbuż ta' skemi ta' assigurazzjoni ta' pensjonijiet privati li ħallew lill-kontributuri f'inkwiet kbir. Fir-realtà, il-perikli ta' skemi ta' assigurazzjoni ta' pensjoni privata għandhom tendenza li joħorġu aktar minn amministrazzjoni ħażina jew bejgħ ħażin ta' fondi milli dawk ta' frodi. Dan isaħħaħ l-argument favur qafas regolatorju f'saħħtu għall-amministrazzjoni tal-SPPS u tat-TPPS – bl-amministrazzjoni tkun komprensiva kemm jista' jkun possibbli.

L-għażliet għall-Gvern f'dan ir-rigward huma tnejn. L-ewwel, il-Gvern, meta titqies in-natura speċifika u s-sensitività tal-kwistjoni tal-pensjonijiet, jista' jistabbilixxi Awtorità tal-Pensjonijiet *ad hoc* li taġixxi bħala gwardjan fuq l-SPPS u t-TPPS; bir-rwol ta' l-Awtorità tal-Pensjonijiet jiddaħħal f'leġislazzjoni dwar il-pensjonijiet. Alternattivament, il-Gvern jista' jutilizza l-istituzzjonijiet u l-leġislazzjoni eżistenti biex jitwettaq ir-rwol ta' amministrazzjoni f'dan ir-rigward.

L-opinjoni raġunata tal-PWG hija li reġim regolatorju b'saħħtu ħafna, taħt ir-responsabbilità ta' entità istituzzjonali li tkun indipendenti mill-Gvern, hija gwardjan ħafna aktar effettiv milli ddaħħal dan ir-rwol fi ħdan il-Gvern Ċentrali. L-indipendenza hija neċessità, jekk mhux għal raġuni oħra, għal fatt bażiku li l-Gvern innifsu għandu jkun regolat għall-iSPPS li jistabbilixxi għall-impjegati tiegħu.

Huwa mportanti li wieħed jenfasizza li r-Rakkomandazzjoni dwar il-Prinċipji Fundamentali tar-Regolmentazzjoni ta' Pensjonijiet tax-Xogħol ta' l-OECD (OECD Recommendation on Core Principles of Occupational Pension Regulation) tistabbilixxi dan il-prinċipju:

> *"Qafas regolatorju adegwat għall-pensjonijiet privati (li) għandu jiġi enforzat b'mod komprensiv, dinamiku w flessibbli ….. sabiex jassigura l-protezzjoni ta' membri u benefiċjarji ta' skemi ta' pensjoni, kemm huma ta' min jorbot fuqhom l-iskemi u l-fondi tal-pensjoni u l-istabbilità ta' l-ekonomija b'mod ġenerali ……. L-iżvilupp ta' sistema ta' pensjonijiet iffinanzjata avvanzata għandha tmur id f'id mat-tisħiħ ta' l-infrastruttura tas-suq finanzjarju u tal-qafas regolatorju …".*[72]

F'dan ir-rigward, wieħed jemmen li r-rwol regolatorju fuq l-iskemi ta' l-SPPS u t-TPPS għandu jingħata lill-Awtorità ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA) li, minn mindu ġiet stabbilita, ġabret kredibilità għall-amministrazzjoni tajba fis-suq finanzjarju. Barra minn dan, l-SPPS u t-TPPS għandhom ikunu regolati mill-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali.

L-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali u d-direttivi u linji gwida li hemm miegħu jipprovdu reġim regolatorju b'saħħtu ħafna u strett iddisinjat b'ħafna ħsieb u attenzjoni billi ħa inkonsiderazzjoni l-esperjenzi u t-tagħlim ta' ġurisdizzjonijiet oħra barra minn Malta fl-amministrazzjoni ta' l-SPPS u t-TPPS. L-Appendiċi VIII jagħti analiżi qasira ta' l-Att.

Barra minn dan, ta' min jinnota li l-MFSA bniet kompetenza u kapaċità konsiderevoli f'dan ir-rigward li rriżultaw kemm mit-tfassil tal-linji gwida komprensivi u stretti ħafna li jsostnu l-Att fuq imsemmi, kif ukoll mill-bini ta' kapaċità xierqa murija f'dan il-qasam. L-MFSA hija kapaċi tipprova, kif uriet b'mod ċar f'oqsma oħra fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li hija gwardjan kompetenti fuq l-amministrazzjoni ta' l-SPPS u t-TPPS.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 08

**Ir-regolamentazzjoni ta' l-SPPS u tat-TPPS għandha tingħata lill-MFSA li topera taħt l-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali.**

### 04.2.1 L-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru

Id-disinn ta' l-SPPS jista' jkun mfassal jew fuq bażi mandatorja jew fuq bażi volontarja. Il-mudell mandatorju, minnu nnifsu, jassigura li l-individwu iġemma fil-fond tal-pensjonijiet jew fi skema ta' assigurazzjoni u b'hekk jiggarantixxi li huwa jissalvagwardja l-livell ta' għixien tiegħu jew tagħha meta jirtira / tirtira. L-iskema volontarja tiddependi ħafna fuq kampanji ta' edukazzjoni u nformazzjoni li jġiegħlu l-poplu jifhem il-benefiċċji fit-tul ta' investiment bħal dan. Skema volontarja tista' tkun suxxettibbli għax xejriet ta' kif il-poplu jonfoq u jġemma', bil-ħsieb fondamentali li l-futur ser jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, kif ukoll skond l-informazzjoni li tingħatalhom. Skema volontarja tiddependi wkoll fuq il-livell ta' inċentivi, bħalma huma inċentivi ta' tassazzjoni, li jkunu disponibbli biex iħajru l-poplu jipparteċipa fi skema.

Id-disinn ta' qafas għal SPPS jirrikjedi l-konsiderazzjoni ta' għadd ta' kwistjonijiet istituzzjonali. Dawn huma mfissra hawn taħt:

**(a) L-Għamla Kostittutiva ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru**

L-ewwel konsiderazzjoni tirrigwarda l-għamla kostittutiva ta' l-SPPS. L-SPPS għandha tkun kostitwita skond Fond tal-Pensjonijiet li hu ċentralizzat u amministrat mill-Istat jew għandu jkun ibbażat fuq skemi tax-xogħol li huma stabbiliti minn prinċipali individwali? Ta' l-ewwel jista' jinftiehem minn organizzazzjonijiet ta' impjegati bħala li jkun arranġament istituzzjonali aktar sigur li jipproteġi l-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema mill-possibbiltà ta' frodi u ta' amministrazzjoni ħażina.

Hu importanti li wieħed jenfasizza li mid-diskussjonijiet li saru mal-Presidenti rispettivi tal-MCESD u man-NCWR irriżulta li lokalment teżisti perċezzjoni qawwija li tiffavorixxi li l-SPPS tkun amministrata kompletament mill-Gvern taħt is-superviżjoni ta' Bord ta' *Trustees* li jinkludi l-Imsieħba Soċjali. Waqt li dan il-mudell jista' jidher attraenti għall-ewwel, u huwa applikat f'ċerti ġurisdizzjonijiet barra minn Malta, għandu l-limitazzjonijiet tiegħu.

L-amministrazzjoni ta' fondi – u fond tal-pensjoni huwa simili għal kull forma oħra ta' fond ta' investiment – huwa sengħa speċjalizzata li teħtieġ tagħrif attwarju. L-Istat m'għandux dawn is-snajja' kif intwera biċ-ċar s'issa. Il-bini ta' dawn is-snajja' jista' jkun diffiċli u dan jista' jfisser li l-amministrazzjoni ta' l-SPPS tista' titqiegħed taħt reġim li mhuwiex l-aħjar wieħed. Barra minn dan, SPPS mqiegħed taħt l-awtorità tal-Gvern ma jaqax taħt ir-reġim regolatorju ta' l-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali.

L-argument li s-settur privat m'għandux jiġi fdat f'materja sensittiva bħalma hi l-SPPS huwa wieħed li mhux bilfors huwa validu. Il-kwistjoni fundamentali mhijiex is-settur privat *per se*, iżda ir-reġim regolatorju li jiġi applikat biex jassigura li s-settur privat, jew wara kollox il-Gvern bħala prinċipal, joperaw fi ħdan normi b'saħħithom u xierqa li jispiraw fiduċja u jiggarantixxu kredibilità fl-amministrazzjoni ta' l-SPPS.

Biex issir analoġija, il-biċċa l-kbira ta' individwi ma jsibu l-ebda diffikultà li jafdaw dak li jkun ġemmgħu tul ħajjithom, ċertament importanti daqs il-pensjoni, ma' bank privat għal għanijiet ta' investiment. Il-fiduċja mogħtija mingħajr dubju hija motivata bil-konvinzjoni li bank privat jaġixxi korrettament u li hu regolat b'mod effettiv u strett, li b'hekk jassigura li mhux biss hu maħsub li jagħmel hekk, iżda fil-fatt jaġixxi korrettament. Ma hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed għandu jaħseb li l-istess fiduċja ma tistax tingħata għall-amministrazzjoni ta' l-SPPS u t-TPPS mis-settur privat fl-ambitu ta' qafas regolatorju strett.

Fil-każ li jiġi adottat il-mudell ta' skemi tax-xogħol, minflok l-SPPS amministrata b'mod ċentralizzat mill-Istat kif imsemmi hawn fuq, għandhom jiġu diskussi numru ta' kwistjonijiet. L-SPPS għandha tkun (a) sistema komuni applikabbli għal kulħadd; jew (b) soġġetta għal negozjati kollettivi bejn min iħaddem u *trade unions*; (ċ) torbot lill-impjegat għall-iskema ta' pensjoni magħżula minn min iħaddem; jew (d) l-individwi għandhom jingħataw il-libertà li jagħżlu l-SPPS ta' l-għażla tagħhom?

Skemi tax-xogħol stabbiliti permezz ta' reġim ta' ftehim kollettiv jistgħu jvarjaw minn kumpanija għal oħra li jista' jwassal għal disparità konsiderevoli ta' skemi ta' pensjoni li jagħmlu l-amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni diffiċli. Minn naħa l-oħra SPPS uniformi tħalli lill-kontributur mingħajr ebda għażla ta' l-iskema li dik il-persuna tkun tixtieq tadotta ħlief l-elementi stabbiliti mir-reġim li jkun ġie introdott – sakemm naturalment il-persuna ma tikkomplementax l-SPPS b'investiment TPPS. Barra minn dan, reġim riġidu jista' wkoll jillimita l-kompetizzjoni fost il-provdituri ta' SPPS għax ikun hemm ftit wisq spazju biex jagħmel differenza bejn l-iskemi provduti mill-azjendi ta' l-assigurazzjoni differenti u jillimita l-benefiċċji li jitħallsu lill-kontributuri minħabba fil-kompetizzjoni.

L-introduzzjoni ta' element ta' għażla fid-disinn ta' l-SPPS, tagħti lill-kontributur flessibilità fi ħdan il-konfini ta' l-SPPS mingħajr il-bżonn li jsir investiment f'TPPS u b'hekk ikun hemm spiża addizzjonali ta' amministrazzjoni relatata mar-reġim tat-Tielet Pilastru.

Għalhekk qed jiġi propost li l-SPPS għandha tkun magħmula minn żewġ saffi:

- li jkun komuni għall-iskemi kollha tat-Tieni Pilastru u li jiżgura li l-investituri fl-SPPS ikun koperti permezz ta' qafas komuni li jtejjeb il-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru sabiex jipprovdi livell ta' għixien deċenti wara l-irtirar. Dan is-saff ikun finanzjat mill-kontribuzzjonijiet magħmula kemm minn min iħaddem kif ukoll mill-impjegat.
- It-tieni saff li jkun flessibbli u volontarju u li jagħti lok għal għażla li tippermetti lill-individwu li jinvesti iktar fi ħdan l-SPPS innifisha, fuq medda ta' skemi li jkunu jinkludu il-pensjoni tar-romol, pensjonijiet ta' l-invalidità eċċ., fil-każ li l-individwu jkun jixtieq ikabbar il-benefiċċju minn dak stabbilit mis-saff fuq imsemmi. Dan is-saff jiġi ffinanzjat unikament mill-impjegat u ma jkunx suġġett għal inċentivi ta' taxxa li jistgħu jiġu introdotti għall-SPPS.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 09

## L-SPPS għandha tkun stabbilita skond bażi ta' skema komuni iżda flessibbli.

Skema komuni iżda flessibbli li torbot l-impjegat għal fond tax-xogħol ta' l-SPPS stabbilit minn min iħaddem għandha għadd ta' limitazzjonijiet. L-ewwel, il-fond ġenerat jirrifletti l-kobor ta' l-organizzazzjoni li tħaddem lill-impjegat. Organizzazzjoni żgħira tirriżulta f'fond żgħir li min-natura tiegħu stess jirrestrinġi l-kwantum tar-rikavat mill-fond. Sa ċertu punt, dan in-nuqqas jista' jiġi mitigat billi wieħed jippermetti azjendi u prinċipali differenti jingħaqdu flimkien biex jistabilixxu fond komuni. It-tieni, skema tax-xogħol stretta teħtieġ li l-impjegat joħroġ mill-fond ta' pensjoni ta' azjenda u jidħol fil-fond ta' pensjoni tal-prinċipal il-ġdid, meta l-impjegat jibdel ix-xogħol. Dan joħloq piż ta' spiża amministrattiva fuq l-impjegat għax ikollhom jitħallsu spejjeż ta' amministrazzjoni.

Mekkaniżmu ħafna aħjar huwa dak li jippermetti l-impjegat jagħżel il-fond ta' pensjonijiet fejn hu jew hi jixtieq/tixtieq jissottoskrivi. Bil-premessa li l-ewwel saff ta' l-SPPS ikun komuni għall-organizzazzjonijiet kollha, mekkaniżmu bħal dan ikun faċli biex jiġi mħaddem u jipprovdi lill-impjegat għażla dwar il-provditur ta' l-SPPS. Min iħaddem ma jiġix milqut negattivament għax l-ispiża tal-kontribuzzjoni tas-sehem tiegħu jew tagħha ma tinbidilx.

SPPS komuni ma għandhiex tirrestrinġi prinċipali u organizzazzjonijiet milli joħolqu fondi ta' pensjoni supplimentari minn barra l-SPPS proposta biex l-organizzazzjoni jew il-post tax-xogħol ikun aktar attraenti li jimpjega u jżomm il-ħaddiema.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 10

## Impjegat għandu jkollu d-dritt li jagħżel il-provditur ta' l-SPPS.

L-SPPS għandha tapplika wkoll għal persuna li taħdem għal rasha. Il-prinċipji ta' l-SPPS għal persuna li taħdem għal rasha ma jkunux differenti minn dawk stabbiliti għal impjegat. Il-persuna li taħdem għal rasha tkun tista' tagħżel it-tip ta' skema li hu jew hi jixtiequ jissottoskrivu għaliha – jiġifieri jew billi jagħżlu l-provditur tal-pensjoni, jew billi jingħaqdu ma' persuni li jaħdmu għal rashom jew assoċjazzjonijiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom oħrajn.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 11

## L-SPPS tapplika wkoll għal persuni li jaħdmu għal rashom.

### (b) Li jiġu applikati Kriterji stretti għall-Provdituri ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru

Il-kwistjoni jekk l-istabbiliment ta' suq liberu f'termini ta' azjendi fis-settur privat li jipprovdu SPPS huwiex mudell vijabbli għal Malta minħabba ekonomiji ta' skala hi definittivament materja li teħtieġ studju. Numru ta' kwistjonijiet jeħtieġu diskussjoni f'dan ir-rigward.

L-ewwel, hemm kurrent li jargumenta li biċ-ċokon ta' Malta u bil-ħtieġa li wieħed inaqqas l-ispejjeż ta' l-amministrazzjoni ta' l-SPPS, mudell li fih il-Gvern ikun it-*trustee* bil-fond mogħti permezz ta' offerti kompetittivi lil azjenda privata waħdanija jkun l-aħjar triq 'il quddiem. Madanakollu hemm periklu f'dan il-mudell. Il-ħruġ ta' offerti bħal dawn irid isir fost l-Istati Membri ta' l-UE. Ma tistax tiġi njorata l-possibilità li provditur ta' l-assigurazzjoni kbir internazzjonali jagħmel offerta ħafna inqas minn dik magħmula mis-suq lokali ta' l-assigurazzjoni tas-settur privat.

It-tieni, jekk jiġu ndirizzati l-ekonomiji ta' skala billi jiġi projbit suq liberu iżda regolat strettament, dan jgħawweġ is-suq liberu u jġib fix-xejn l-opportunità tal-kompetizzjoni li s-suq liberu jagħmel possibbli. Hu importanti li wieħed jenfasizza li l-OECD jirrakkomanda li:

> *"Ir-regolamentazzjoni għandha tippromwovi qasam ta' kompetizzjoni livell bejn l-operaturi differenti u tqis l-importanza ta' dan l-approċċ funzjonali. Il-kompetizzjoni ġusta għandha tkun ta' benefiċċju lill-konsumaturi u tippermetti l-iżvilupp ta' swieq ta' pensjonijiet private adegwati."*[73]

Mudell li hu strettament regolat fejn azjendi ta' l-assigurazzjoni tas-settur privat ikollhom il-ħtieġa li jikkwalifikaw skond kriterji iebsa stabbiliti mir-regolatur biex jiksbu akkreditazzjoni uffiċjali minn dak ir-regolatur biex jaġixxu bħala amministratturi ta' l-SPPS jitqies li hu aqwa minn dak li jneħħi l-kompetizzjoni għal kollox.
F'dan ir-rigward il-kriterji għas-selezzjoni ta' azjendi ta' l-assigurazzjoni tas-settur privat biex jipprovdu l-SPPS għandhom jinkludu miżuri bħalma huma l-ħtiġijiet ta':

(i) ikollhom esperti attwarji *full time;*
(ii) jaħtru awditur, indipendentement mill-amministratur (jiġifieri l-azjenda ta' assigurazzjoni tas-settur privat magħżula) ta' l-entità tal-pensjonijiet u l-finanzjatur ta' l-iskema (jiġifieri min iħaddem) biex iwettaq verifiki perjodikament;
(iii) ikunu suġġetti għal verifika mir-regolatur dwar l-adegwatezza ta' l-iskemi f'termini ta' riskji u benefiċċji;
(iv) ikunu suġġetti għal verifika mir-regolatur rigward l-istruttura tad-drittijiet u l-prestazzjoni ta' l-iskema;
(v) ikunu suġġetti għal verifika mir-regolatur rigward d-drittijiet ta' aċċess għal, u żvelar ta', informazzjoni mill-kontributur rigward l-iskema tal-pensjoni, proċessi ta' talbiet, eċċ;
(vi) ikunu suġġetti għal verifika mir-regolatur dwar id-drittijiet ta' kumpens mogħtija lill-kontributur;
(vii) ikunu suġġetti għal verifika mir-regolatur rigward il-kriterji adottati biex isir reklamar biex jitnaqqsu l-perikli ta' misinformazzjoni jew li jġiegħlu membri potenzali jagħmlu għażla msejsa fuq informazzjoni ħażina; u
(viii) josservaw regolamenti tar-reklamar biex l-ispejjeż li joħorġu mir-reklamar jinżammu għal minimu assolut u b'hekk inaqqsu u jikkontrollaw l-impatt sinifikanti potenzjali li r-reklamar ikollu fuq l-ispiża ta' l-amministrazzjoni tal-fond.

Barra minn dan, ir-regolamenti għandhom jassiguraw li l-aċċess għall-SPPS ma jkunx diskriminatorju biex ma jkunx hemm esklużjonijiet msejsa fuq l-età, is-salarju, il-perjodu ta' servizz (minn meta l-SPPS ġiet introdotta), termini ta' l-impjieg, impjieg *part time* u l-istat ċivili. Ukoll, ir-regolamenti għandhom jiżguraw li d-drittijiet li jirriżultaw mill-kriterji fuq imsemmija ikunu protetti.

# Deċiżjoni ta' Prinċipju: 12

## Id-dħul fl-għoti ta' l-SPPS minn azjendi ta' assigurazzjoni tas-settur privat għandu jkun suġġett għal kriterji stretti ta' dħul u ta' prestazzjoni li għandhom jiġu osservati l-ħin kollu.

### (c) Li jistabilixxi n-Natura ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru

L-SPPS għandha tkun benefiċċju definit jew skema ta' kontribuzzjoni definita? Fi skema ta' benefiċċju definit, il-livell tal-benefiċċji hu determinat mir-regoli ta' l-iskema. Il-pensjonijiet huma ġeneralment marbuta mat-tul ta' żmien li impjegat ikun fl-iskema u mas-salarju tiegħu jew tagħha f'ċertu punt ta' żmien jew kalkolat fuq medja tul perjodu stabbilit. L-iskemi tas-salarju finali jipprovdu porzjon (per eżempju 1/100 fis-sena tas-sħubija fl-iskema) tas-salarju finali ma' l-irtirar. Varjanti oħra komuni huma bbażati fuq il-medja ta' qligħ tul il-ħajja matul perjodu msemmi.

Fi skema ta' kontribuzzjoni definita jiġu investiti kontribuzzjonijiet perjodiċi stabbiliti. Il-pensjoni li tirriżulta tiddependi mill-ammont imħallas fl-iskema, mir-rikavat ta' l-investiment tul iż-żmien, u r-rati tal-vitalizzju fiż-żmien ta' l-irtirar.

Riċerka li saret turi li r-rati medji ta' kontribuzzjoni x'aktarx ikunu ogħla minn skemi ta' benefiċċji definiti.[74] Madankollu wieħed għandu jinnota illi r-riċerka li saret turi li ħafna pajjiżi u organizzazzjonijiet qegħdin jitilqu l-mudell ta' "Benefiċċji Definiti" u jħaddnu l-mudell ta' "Kontribuzzjonijiet Definiti" minħabba li nstab li l-mudell ta' "Benefiċċji Definiti" hu diffiċli biex jinżamm.

### (d) Li jissalvagwardjaw l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru tal-Benefiċċjarji

Il-membri ta' l-SPPS raġonevolment jippretendu li l-pensjoni mwiegħda tiġi fil-fatt mogħtija. Hemm perikli fil-possibilità li l-SPPS tiġi stralċjata meta, per eżempju, min iħaddem ifalli. Dan imbagħad joħloq il-kwistjoni tal-livell ta' protezzjoni li għandu jingħata lil benefiċċjarju matul il-ħajja tiegħu jew tagħha.

F'dan ir-rigward ikun hemm il-ħtieġa li jiġu introdotti strumenti ta' politika biex jiżguraw pedamenti b'saħħithom tal-korp regolatorju kif ukoll biex jissalvagwardjaw il-benefiċjarju tul il-ħajja tiegħu jew tagħha.

L-ewwel, kif diġà imfisser, huwa importanti li "il-fond tal-pensjoni għandu jkun separat mill-finanzjatur (jew għall-inqas dik is-separazzjoni għandha tkun garantita irrevokabilment permezz ta' mekkaniżmi xierqa)".[75]

L-Att ta' l-2002 li jirregola Fondi Speċjali, msemmi qabel, diġà jipprovdi għal separazzjoni kompleta biex jiżgura li l-attiv tal-pensjoni jkun distint u differenti mill-attiv tal-finanzjatur permezz tal-ħtieġa li l-finanzjaturi jaħtru amministraturi ta' l-Iskema ta' l-Irtirar u tal-Fond ta' l-Irtirar kif xieraq. L-amministratur ikollu s-setgħa li jamministra l-fond tal-pensjoni u hu responsabbli ultimament biex jiżgura konformità mat-termini ta' l-arranġament u l-protezzjoni ta' l-aħjar interessi tal-membri ta' l-iskema u tal-benefiċjarji.

It-tieni miżura fundamentali hija li wieħed jistabbilixxi fondi ta' pensjoni bħala attiv awtonomu li hu *ring fenced* b'mod qawwi li ma jippermettix la l-Istat u lanqas azjenda privata bħal prinipali milli jkollhom aċċess għal dawn il-fondi għal għanijiet li ma humiex strettament relatati mal-pensjonijiet.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 13

## Il-kontribuzzjonijiet ta' l-SPPS imħallsa minn min iħaddem għandhom ikunu separati b'mod strett minn min iħaddem; bil-fond tal-pensjoni stabbilit bħala attiv *ring fenced* awtonomu.

It-tielet miżura fundamentali tirrigwarda il-qafas regolatorju li jiġi applikat fil-kostituzzjoni ta' l-attiv ta' l-SPPS rigward ta' kif il-portfoljo ta' l-investiment jiġi organizzat. F'dan ir-rigward l-MFSA, bħala l-awtorità regolatorja, tiġi mitluba tfassal *standards* ta' amministrazzjoni ta' investiment ibbażati primarjament fuq il-prinċipju ta' *prudent person* sabiex, l-ewwel nett, tiżgura s-sigurezza u s-sigurtà ta' dak l-attiv u, it-tieni, toħloq ambjent li fih l-amministrazzjoni ta' l-attiv tista' tikseb l-aħjar riżultati b'livell aċċettabbli ta' riskju.

Argument ieħor huwa li l-prinċipju ta' *prudent person* għandu jkun komplementat b'għadd ta' limitazzjonijiet kwantitattivi relatati mad-diversifikazzjoni. Per eżempju, il-portfoljo jkun strutturat b'mod li jistabbilixxi parametri kif isir l-investiment, bħala eżempju, f'azjenda waħda, f'attiv barra minn Malta, fi proprjetà, eċċ. Barra minn dan, ir-regolamenti għandhom jistabbilixxu restrizzjonijiet li jillimitaw il-kapaċità tal-provditur ta' l-SPPS li jinvesti fl-attiv jew fis-sussidjarji tiegħu stess.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 14

## L-SPPS għandha tkun amministrata fuq il-prinċipju ta' *prudent person* flimkien ma' (a) l-inklużjoni ta' limitazzjonijiet speċifiċi biex jiddeterminaw il-parametri ta' diversifikazzjoni tal-portfoljo ta' investiment, u (b) restrizzjonijiet li jillimitaw l-azjenda ta' assigurazzjoni tas-settur privat li tamministra l-portfoljo fl-attiv u fis-sussidjarji tagħha stess.

Jistgħu jiġu applikati mudelli diversi bħala strumenti mmirati biex jissalvagwardjaw il-benefiċċjarju matul il-ħajja tiegħu jew tagħha. Per eżempju, miżura li tagħti sigurtà akbar lill-membri ta' l-SPPS kontra implikazzjonijiet possibbli ta' insolvenza dwar il-pensjoni hija l-introduzzjoni ta' skema ta' assigurazzjoni għal eventwalità bħal din – mudelli differenti joffru gradi differenti ta' rimpjazzament tal-benefiċċju u garanzija. Mudell ieħor jista' jikkonsisti fil-ħolqien ta' kreditu ta' pensjoni privileġġjata bl-istess mod kif is-salarju ta' impjegat hu privileġġjat fil-konkors ta' debiti dovuti minn min iħaddem. F'dan ir-rigward l-Att dwar il-Kumpaniji jkollu jiġi emendat kif xieraq.

Mudell ieħor, u żgur mekkaniżmu aktar effettiv, hu l-istabbiliment ta' fond ta' kompens tal-pensjonijiet. Fondi ta' kompens tal-pensjonijiet ġeneralment jiġu stabbiliti biex:

01. Jipproteġu l-SPPS meta azjendi jfallu billi jiżguraw li l-membri jkomplu jirċievu l-biċċa l-kbira tal-benefiċċji li kienu qed jistennew. Jistgħu jiġu stabbiliti livelli differenti ta' kompens għall-membri ta' l-iskema.

02. Jikkompensaw membri ta' l-SPPS fil-każijiet ta' frodi u misapproprjazzjoni.

Ġeneralment Fondi ta' Kompens ta' Pensjonijiet huma mmexxija minn bordijiet indipendenti – li jkunu responsabbli għal: ħlas ta' kompens tal-pensjoni; ħlas ta' kompens għal frodi; stabbiliment ta' u kontroll fuq l-istrateġija ta' l-investiment tal-Fond ta' Kompens msemmi. Normalment il-Bord ikun meħtieġ jipprovdi rapport u kontijiet annwali li jiddeskrivu l-attivitajiet tal-Bord f'dik is-sena finanzjarja, li mbagħad jiġi ppreżentat lill-Parlament u l-amministrazzjoni ta' dak il-Fond ta' Kompens jkollha tiġi eżaminata jekk u meta jiġi adottat dan il-mudell alternattiv.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 15

## Għandhom jiġu introdotti miżuri biex jipprovdu għall-protezzjoni finanzjarja ta' kontributuri ta' l-SPPS u pensjonanti kontra frodi, użu ħażin, falliment, eċċ, u dawn għandhom ikunu ddisinjati b'mod illi jqiegħed l-anqas piż fuq il-persuni nteressati.

**(e) Li jassiguraw il-possibilità ta' trasferiment u jissalvagwardjaw kontra klawsoli ta' waqfien mill-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru**

L-individwi għandu jkollhom id-dritt li jibdlu l-provditur ta' l-SPPS tagħhom. Dan it-trasferiment għandu jkun mhux biss f'waqtu iżda wkoll m'għandux ikollu spejjeż moħbija. Għalhekk it-trasferiment m'għandux ikollu imposti u drittijiet bħalma huma imposti eċċessivi ta' l-operazzjoni jew drittijiet eċċessivi fit-tmiem ta' l-operazzjoni sakemm dawn ma jaqgħux fi ħdan il-kriterji stabbiliti mir-regolatur.

L-introduzzjoni ta' SPPS li jista' jiġi trasferit għandha tkun regolata bid-Direttiva ta' l-UE 2203/41/KE, li tneħħi l-ostakoli ta' amministrazzjoni transkonfini meta impjegat jibdel ix-xogħol minn Malta għal Stat Membru fl-UE. Għalhekk it-trasferiment ikollu effett mhux biss bejn prinċipali f'Malta iżda wkoll fi ħdan l-Unjoni Ewropea Jingħad li l-kontributuri għall-SPPS m'għandux ikollhom l-għażla li jillikwidaw il-bilanċ tal-kont tagħhom fil-fond. Fl-eventwalità li tingħata l-għażla għal-likwidazzjoni hemm il-periklu li l-benefiċċjarji jistgħu jagħżlu flus fl-idejn illum, li imbagħad iħallihom fi stat diffiċli meta jirtiraw għax l-għotja li tingħata meta wieħed jirtira għal livell ta' għixien deċenti tkun ġiet imnaqqsa konsiderevolment.

Konsegwenza diretta ta' approċċ ta' politika li tippermetti l-likwidazzjoni hija l-ħolqien ta' problema soċjali għax segment ta' pensjonanti jista' jispiċċa li jkollu biss il-kontribuzzjoni għal pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru - li hi mmirata prinċipalment lejn il-prevenzjoni ta' esklużjoni soċjali.

**(f) Li tippremja t-Tfaddil u l-Investiment ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru**

L-SPPS għandhom ikunu inċentivati. Wieħed jista' jargumenta li dan ikun meħtieġ jekk l-SPPS ser tkun kostitwita fuq bażi volontarja. L-argument huwa validu wkoll jekk it-Tieni Pilastru jiġi introdott fuq bażi mandatorja? Il-PWG hu ta' l-opinjoni raġunata li l-SPPS mandatorja għandha tkun ukoll suġġetta għal inċentivi ta' taxxa primarjament biex jagħmlu tajjeb sa ċertu punt għall-impatt fuq id-dħul disponibbli li jinħoloq bir-riżervi annwali li jiġu investiti fl-SPPS.

Liema forma għandha tieħu din l-inċentiva ta' taxxa? Per eżempju, għandu jkun hemm tnaqqis mit-taxxa tal-kontribuzzjonijiet ta' l-iskemi tat-Tieni Pilastru? Għandu jkun hemm eżenzjoni tad-dħul ta' investiment mill-iskemi waqt il-perjodu ta' akkumulazzjoni? Il-'benefiċċji' li jkunu riċevuti mal-maturità ta' l-iskema tal-pensjoni għandhom ikunu eżenti mit-taxxa fuq id-dħul?

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 16
## Il-fondi taħt l-SPPS għandhom ikunu trasferibbli u persuna m'għandux ikollha l-għażla li tillikwida l-fond.

**(f) Li tippremja t-Tfaddil u l-Investiment ta' l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru**

L-SPPS għandhom ikunu ineċntivati. Wieħed jista' jargumenta li dan ikun meħtieġ jekk l-SPPS ser tkun kostitwita fuq bażi volontarja. L-argument huwa validu wkoll jekk it-Tieni Pilastru jiġi introdott fuq bażi mandatorja? Il-PWG hu ta' l-opinjoni raġunata li l-SPPS mandatorja għandha tkun ukoll suġġetta għal inċentivi ta' taxxa primarjament biex jagħmlu tajjeb sa ċertu punt għall-impatt fuq id-dħul disponibbli li jinħoloq bir-riżervi annwali li jiġu investiti fl-SPPS.

Liema forma għandha tieħu din l-inċentiva ta' taxxa? Per eżempju, għandu jkun hemm tnaqqis mit-taxxa tal-kontribuzzjonijiet ta' l-iskemi tat-Tieni Pilastru? Għandu jkun hemm eżenzjoni tad-dħul ta' investiment mill-iskemi waqt il-perjodu ta' akkumulazzjoni? Il-'benefiċċji' li jkunu riċevuti mal-maturità ta' l-iskema tal-pensjoni għandhom ikunu eżenti mit-taxxa fuq id-dħul?

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 17
## Il-kontribuzzjonijiet annwali fl-SPPS m'għandhomx jiġu intaxxati fuq bażi annwali. Taxxa massima, stabbilita fuq rata ta' perċentwali fissa, għandha titħallas meta timmatura l-Iskema.

**(g) Li jamministraw il-Benefiċċji meta Timmatura l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru**

Meta individwu jirtira, fl-SPPS hemm tliet modi kif persuna għandha tieħu il-benefiċċji ta' l-irtrirar:

(i) bħala somma sħiħa - li tista' tintefaq bla bżonn bħala spiża ta' darba u tħalli lill-pensjonant fqir;
(ii) ġbid programmat tul il-perjodu ta' l-irtirar – li tinvolvi riskji ta' lonġevità jekk il-pensjonant jgħix aktar minn mistenni; u
(iii) vitalizzju minn kumpannija ta' l-assigurazzjoni – kuntratt mibjugħ minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja li jigarantixxi dħul mill-mument tax-xiri sal-mewt.

Il-vitalizzji għandhom rwol importanti fl-assigurazzjoni tad-dħul mill-irtirar f'SPPS għax huma:

- jipprovdu assigurazzjoni kontra r-riskju ta' attiv li jibqa' wara l-mewt, li hu possibbli meta wieħed iqis l-għadd kbir involut;
- ineħħu r-riskju ta' inflazzjoni permezz ta' vitalizzji indiċjati (jekk ikunu disponibbli *bonds* indiċjati bi prezz adatt); u
- inaqqsu r-riskju ta' l-investiment.

In-naħa kuntrarja ta' dan hija t-telfien f'termini ta' opportunitajiet biex wieħed jinvesti liberament; fejn jista' jsir l-argument li SPPS mandatorja tillimita d-dritt ta' l-għażla ta' l-individwu.

Jingħad li vitalizzji, jekk il-prezz tagħhom ikun ġust, jippremettu l-ogħla dħul possibbli matul il-ħajja tal-pensjonant meta mqabbla ma' modi oħra ta' rilaxx ta' attiv. Il-vitalizzji jistgħu wkoll jipprovdu dħul regolari li jkun konsistenti ma' dak li huwa meqjus tipikament bħala xejra mixtieqa ta' konsum.

Hemm diversi tipi ta' vitalizzji b'karatteristii differenti – per eżempju: vitalizzji bil-profitti; vitalizzji skond l-inflazzjoni; vitalizzji skond l-indiċi tal-pagi; eċċ. Biex jagħmel tajjeb għar-riskji relatati mal-vitalizzji, il-qafas regolatorju jistabilixxi parametri ta' taħlita ta' investiment bejn investiment fis-sigur u investiment ta' riskju u b'hekk inaqqas ir-riskju ta' telf fl-investiment. Għalhekk ir-regolamentazzjoni ta' vitalizzji hi essenzali u mandatorja biex tiżgura l-integrità tas-sistema. Qed jiġi preżunt li bl-għarfien tal-lum tax-xejriet demografiċi u l-iżviluppi epidemjoloġiċi id-determinazzjoni tar-rati ta' mortalità mill-assiguraturi għandha tkun riflessiva b'mod raġonevoli.

Wieħed għandu jenfasizza li r-regolamentazzjoni ta' vitalizzji hi diġà preskritta taħt il-qafas legali tar-regolamentazzjoni tan-negozju ta' l-assigurazzjoni f'Malta, konformement mad-Direttivi rilevanti ta' l-UE. Ir-regolamentazzjoni tal-vitalizzji speifikatament fi ħdan is-sistema globali tal-pensjonijiet, tista', madankollu, teħtieġ li tiġi ndirizzata u jkun hemm bżonn ta' emendi f'dan ir-rigward.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 18

L-SPPS għandha, meta timmatura, tippermetti l-għażla li massimu stabbilit ta' fond tal-pensjoni li jkun immatura jiġi konvertit f'somma sħiħa u bil-parti l-kbira tiġi mqiegħda bħala vitalizzju biex tipprovdi għal dħul ta' pensjoni annwali stabbli matul il-ħajja tal-pensjonant.

### (h) Li tassigura l-benesseri soċjali

L-SPPS għandha tiġi ntrodotta fuq bażi mandatorja. Ir-raġunament bażiku għal din il-posizzjoni huwa l-għarfien ta' l-individwu dwar il-ħtieġa reali li wieħed jinvesti llum biex jissalvagwardja l-futur tiegħu meta jiritira.

Il-perċezzjoni, li qiegħda tiżviluppa, li l-futur huwa 'l bogħod wisq u, fl-aħħar mill-aħħar jieħu ħsieb tiegħu nnifsu hija tendenza inkwetanti. Waqt li t-tagħrif iżid il-grad ta' għarfien li nvestiment f'SPPS volontarja hija neċessità, ma tistax tiġi eskluża l-possibbilità li partijiet kbar tal-popolazzjoni ma jifhmux l-importanza tar-rilevanza ta' investiment bħal dak. F'dik l-eventwalità dawk is-segmenti tal-popolazzjoni li matul il-ħajja tagħhom ikunu naqsu milli jinvestu fl-SPPS biex jassiguraw livell ta' għixien deċenti meta jirtiraw jistgħu jiffaċċjaw kriżi meta jindunaw li l-livell ta' għixien li gawdew waqt li kienu qed jaħdmu ma jibqax aktar sostenibbli.

Dak li jista' jikkostitwixxi traġedja personali u għall-familja bħala riżultat tan-nuqqas li wieħed jippjana għall-futur isir kriżi soċjali nazzjonali jekk dan isir traġedja għal segmenti kbar tal-popolazzjoni. Għalhekk SPPS mandatorju hu mmirat u mmotivat unikament bil-ħtieġa li jiġi assigurat il-benesseri soċjali għal poplu billi jiżgura li huma, meta jirtiraw, jiċievu pensjoni li ma tkunx biss adegwata iżda li tippermetti wkoll iż-żamma ta' livell ta' għixien deċenti.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 19

L-SPPS għandha tiġi ntrodotta fuq bażi mandatorja.

**(i) Li timplimenta l-Iskema tal-Pensjonijiet tat-Tieni Pilastru**

It-transizzjoni lejn sistema ta' pensjonijiet li għandha aktar minn pilastru wieħed u b'SPPS mandatorja għandha tkun gradwali u mwettqa fuq perjodu ta' żmien raġonevoli. L-ewwel fażi lejn l-istabbiliment tas-sistema tal-pensjonijiet proposta għandha tkun dik ta' l-introduzzjoni ta' l-SPPS, inizjalment, fuq bażi volontarja. Il-ħtiġiet għal perjodu ta' transizzjoni fl-istabbiliment ta' SPPS mandatorju huma diversi.

L-istabbiliment ta' SPPS f'Malta ikun żvilupp ġdid għal numru kbir ta' persuni li bdew jaħdmu wara l-1979. Għandha tittieħed kull miżura biex tiżgura li l-qafas regolatorju u ta' amministrazzjoni għall-SPPS li jeżisti llum u dawk proposti f'dan ir-rapport ikunu dawk xierqa għal funzjonament tajjeb tagħhom. Perjodu ta' applikazzjoni volontarja ta' l-SPPS jagħti lill-kontributuri żmien xieraq biex jiksbu fiduċja fl-SPPS u r-reġim regolatorju stabbilit biex jirregolaha. Hemm min jargumenta li t-transizzjoni għal SPPS mandatorja tkun iktar approprjata ladarba tinbena fiduċja f'dan il-qafas ġdid matul perjodu ta' applikazzjoni volontarja tagħha.

Barra minn dan, il-qafas ta' l-SPPS ikun iffinanzjat minn kontribuzzjonijiet magħmula kemm minn min iħaddem kif ukoll mill-impjegati. Perjodu transitorju għal SPPS mandatorja jagħti żmien kemm lil minn iħaddem kif ukoll lill-impjegati biex jaġġustaw ruħhom lejn l-applikazzjoni ta' l-SPPS mandatorja.

L-introduzzjoni ta' SPPS ikollha l-impatti li ġejjin:

(i) **L-impjegati** : kontribuzzjoni mandatorja għal riżervi jkollha impatt fuq id-dħul disponibbli – hekk kif dħul jitqiegħed għal riżervi w investiment. Dan jonqos minn dak disponnibli għall-konsum tal-lum.

Mod kif dan l-impatt fuq id-dħul disponibbi jista' jiġi mitigat huwa li l-MFSA u l-Gvern jaħdmu ma' azjendi privati ta' l-assigurazzjoni biex jintroduċu skema li jippermettu lid-detenturi ta' poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u poloz simili jikkonvertu dawn il-poloz f'SPPS. L-iskema tal-konverżjoni tittrasforma dawn il-poloz mill-kondizzjonijiet u benefiċċji preżenti tagħhom għar-reġim tat-Tieni Pilastru.

Persuni li jagħżlu skema bħal din għandhom idaħħlu fl-SPPS il-kapital li jkun diġà ġgemma' fil-polza ta' l-assigurazzjoni, u dwar il-kontribuzzjoni tar-riżervi li għandha titħallas lill-SPPS għandhom ikomplu jħallsu d-dritt tal-polza ta' l-assigurazzjoni ta' qabel u fejn ikun hekk meħtieġ id-differenza bejn id-dritt u l-kontribuzzjoni stabbilita tar-riżervi tat-Tieni Pilastru.

Din il-miżura ta' politika jkollha mpatt fuq 79,315 detentur ta' poloz fuq il-ħajja u poloz marbutin ma' profitti.[76]

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 20

L-MFSA u l-Gvern jaħdmu ma' azjendi finanzjarji tas-settur privat sabiex jinkoraġġuhom biex jintroduċu skema li tippermetti d-detenturi ta' poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u poloz marbutin ma' profitti jikkonvertu dawk il-poloz f'SPPS.

(ii) **Min iħaddem:** Kontribuzzjoni mandatorja jkollha impatt fuq il-kost tax-xogħol; iżda l-ispiża żejda tal-kontribuzzjoni tkun tista' titnaqqas mit-taxxa għax il-kontribuzzjonijiet huma partita ta' Qligħ u Telf.

Perjodu transitorju jagħti lil-Gvern, kif ukoll lil-Imsieħba Soċjali, żmien biex jispjega, jeduka, u jibni kultura dwar l-importanza li wieħed iġemma' u jinvesti llum biex jiżgura li jakkumula fondi suffiċjenti biex ikun jista' jżomm livell ta' għixien deċenti wara li jirtira.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 21

L-SPPS għandha tiġi introdotta b'mod volontarju; bl-SPPS għandha l-ewwel tiġi introdotta b'mod volontarju mill-1 ta' Jannar, 2006.

L-aħħar kwistjoni, iżda importanti, rigward l-introduzzjoni ta' l-SPPS tirrigwarda (a) id-determinazzjoni ta' l-età li tistabbilixxi s-segmenti ta' l-età li jibdew jikkontribwixxu b'mod mandatorju għall-SPPS; u (b) il-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu lill-SPPS kemm minn min iħaddem – li tinkludi l-Gvern bħala prinċipal – kif ukoll l-impjegat.

Id-determinazzjoni tal-limitu ta' l-età hi marbuta ħafna mar-rikavat fuq l-investiment għall-kontributur – li l-investiment fl-SPPS jipprovdi dħul biżżejjed biex jippermetti li persuna tikseb livell ta' għixien deċenti meta tirtira.

It-Tieni Pilastru, mhux bħall-Ewwel Pilastru li hu determinat bir-rata ta' rimpjazzament demografiku, hu determinat prinċipalment mir-rata fis-suq. Għalhekk, iktar ma jittawwal il-perjodu għall-introduzzjoni tat-Tieni Pilastru mandatorju, akbar ikun ir-riskju għall-persuni li ma jidħlux volontarjament f'SPPS li jkollhom rikavat baxx ta' l-investiment magħmul; b'hekk iġibu fix-xejn il-provvedimenti meħtieġa biex jiġi żgurat livell ta' għixien deċenti.

L-istudji attwarji, mwettqa mill-Bank Dinji fuq il-mudell ta' pensjoni li ssimula, juru li:

(i) it-Tieni Pilastru għandu jiġi ntrodott għal dawk il-persuni li għandhom 45 sena jew inqas;

(ii) inizjalment għandu jistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet għall-SPPS mill-impjegat u minn min iħaddem għal 2% kull wieħed, bil-kontribuzzjoni tkun imsejsa fuq il-paga bażika; u

(iii) gradwalment igħolli l-kontribuzzjoni biex tilħaq 5% kull wieħed sa 2020.

It-transizzjoni minn SPPS volontarja għal waħda mandatorja għandha ssir biss wara li jsiru studji ntensivi mmirati biex jiġi determinat:

(i) l-impatt fuq l-ispiża tal-produzzjoni u tax-xogħol kif ukoll l-effett multiplikat fuq l-ekonomija minħabba fit-tnaqqis potenzjali fid-dħul disponibbli;

(ii) età stabbilita għall-introduzzjoni tal-kontribuzzjoni mandatorja;

(iii) kwantum tal-kontribuzzjoni għar-riżervi tat-Tieni Pilastru li għandu jitħallas minn impjegat u minn min iħaddem fil-każ ta' persuna impjegata; u minn persuna li taħdem għal rasha;

(iv) l-indiċjar li għandu jiġi applikat għall-SPPS;

(v) il-limitu li għandu jitqiegħed fuq il-kontribuzzjoni tar-riżervi ta' l-SPPS paragunata mad-dħul jew mal-paga; u

(vi) id-deċiżjoni jekk l-SPPS għandha tiġi ntrodotta bħala benefiċċji definiti jew bħala skema ta' kontribuzzjoni definita.

Għalhekk qed jiġi propost li l-Gvern, permezz ta' l-MFSA, għandu jaħtar azjenda internazzjonali ta' attwarji biex iwettqu l-istudji xierqa.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 22

Id-determinazzjoni tal-parametri ta' SPPS mandatorja għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' studji attwarji intensivi.

Kif muri fil-Kapitolu 03, il-benefiċċji li jakkumulaw taħt il-pensjoni PAYG preżenti ser jibdew jiddeterjoraw madwar l-2010 – jaqgħu minn 50% tal-paga medja għal 40% sa l-2020 u 30% sa l-2035. L-interpretazzjoni ta' dawn ir-riżultati attawli iġġib konklużjoni waħda: il-perjodu ta' transizzjoni minn SPPS volontarja għal waħda mandatorja ma jistax jiġi pospost b'mod indefinit. Iktar ma jdum il-perjodu ta' transizzjoni akbar ikun ir-riskju u l-periklu li segment kbir isiru vittmi tat-transizzjoni għax SPPS mandatorja ma tagħtix lil dan is-segment il-ħin biżżejjed meħtieġ biex il-kontribuzzjonijiet għall-SPPS jakkumulaw ir-rikavat ta' rata tas-suq fuq l-investimenti magħmula biex jassiguraw livell ta' għixien deċenti.

Sabiex jipprovdu l-aħjar perjodu biex l-SPPS tkun tista' tagħti ir-rata meħtieġa ta' rikavat fuq l-investimenti f'SPPS minn dawk is-segmenti ta' persuni li ser ikunu affettwati serjament jekk ma ssir l-ebda riforma għas-sistema preżenti tal-pensjonijiet, l-indikazzjonijiet huma li l-SPPS mandatorja għandha tiġi ntrodotta sa l-2010.

Għalhekk hu propost li l-Gvern għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa biex jistabbilixxi l-mekkaniżmi xierqa għall-introduzzjoni ta' l-SPPS mandatorja sa l-2010. Madankollu, l-introduzzjoni fil-fatt ta' l-SPPS mandatorja għandha ssir biss wara li ssir valutazzjoni fl-2009 biex jiġi determinat jekk il-kundizzjonijiet prevalenti dak iż-żmien huma tali li jeħtieġu l-introduzzjoni mandatorja tat-Tieni Pilastri fl-2010.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 23

L-indikazzjonijiet huma li l-SPPS mandatorja għandha tkun operattiva sa l-2010. Il-Gvern għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa kollha biex jistabbilixxi l-mekkaniżmi xierqa għall-introduzzjoni ta' l-SPPS sa l-2010. Madankollu, il-Gvern għandu fl-2009 iwettaq valutazzjoni biex jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet prevalenti huma tali li jeħtieġu l-introduzzjoni mandatorja tat-Tieni Pilastru sa l-2010.

### 04.2.2 Skema ta' Pensjonijiet tat-Tielet Pilastru

It-TPPS tikkomprendi skemi ta' pensjonijiet privati volontarji li jikkomplimentaw id-dħul tal-pensjoni ta' persuna. Hu rikonoxxut li individwu jkun ħafna aktar motivat jipparteċipa f'TPPS jekk il-Gvern jintroduċi skemi ta' inċentiva ta' taxxa li jagħmluha attraenti biżżejjed għall-individwi li jipparteċipaw fi skema bħal din. Għalhekk il-kwistjonijiet għandhom x'jaqsmu mar-reġim ta' inċentiva fit-tassazzjoni li l-Gvern ser jintroduċi. Il-kontribuzzjonijiet imħallsa u d-dividendi miġbura taħt TPPS għandhom ikunu eżenti mit-taxxa? Il-fond akkumulat għandu jkun interament eżenti mit-taxxa?

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 24

Il-kontribuzzjoni annwali tat-TPPS għandha tkun eżenti mit-taxxa sa limitu stabbilit. Id-dħul derivat meta t-TPPS timmatura jkun suġġett għat-taxxa fuq id-dħul ibbażat fuq ir-rata tal-PAYE ta' l-individwu.

## 04.3 Valur 03: Biex tiġi promossa s-Solidarjetà fost il-Ġenerazzjonijiet

Il-pensjonanti llum igawdu minn xibka ta' solidarjetà soċjali li tfasslet matul dawn l-aħħar ħamsin sena, u ħafna minnhom fil-fatt illum jirċievu l-pensjoni taż-żewġ terzi, wara l-bidliet li saru fl-1979, minkejja l-fatt li kieku wieħed kellu japplika l-loġika attwarja joħroġ b'mod ċar li ma tqiegħdux biżżejjed kontribuzzjonijiet fis-sistema biex jippermettu li persuna tirċievi dak il-benefiċċju.

Il-pensjoni PAYG għandha tibqa' l-uniku mekkaniżmu biex jassigura s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet – jiġifieri bejn l-adoloxxenti u l-anzjani, dawk sinjuri u dawk li jgħixu fil-marġni tas-soċjetà. F'dan ir-rigward il-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni PAYG jew l-Ewwel Pilastru għandhom jibqgħu mandatorji. Ma għandu jkun hemm l-ebda esklużjoni mill-Ewwel Pilastru li għandu jkompli jinforza l-prinċipju tad-distribuzzjoni mill-ġdid, li hu l-qofol tar-relazzjoni ta' l-inklużjoni soċjali, biex tiżgura li persuni li jistgħu leġittimament jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali ikunu mħarsa.

### Deċiżjoni ta' Prinċipju: 25

L-Ewwel Pilastru għandu jibqa' bħala l-mekkaniżmu prinċipali biex jassigura s-solidarjetà. Il-parteċipazzjoni fl-Ewwel Pilastru għandha tkompli tkun mandatorja.

Is-solidarjetà fi ħdan il-ġenerazzjonijiet tista' tinkiseb billi jiġi assigurat li d-dħul tal-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru jinbena kull sena għall-pensjonanti kollha fuq bażi uniformi annwali.

Dan ikun jeħtieġ li jiġi assigurat li l-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru żżomm il-valur tagħha in vista ta' tnaqqis minħabba fl-inflazzjoni. Pensjoni li hi indiċjata b'żidiet fil-paga hi suġġetta għat-tibdiliet fl-iżvilupp ekonomiku u dak li jiġri fis-suq tax-xogħol.

Minn naħa l-oħra, jekk pensjoni tkun marbuta ma' l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut, il-paragun applikat mill-Gvern biex jikkalkola l-inflazzjoni[77], il-valur reali tagħha kif ukoll il-kapaċità għax-xiri biha, tkun assigurata aħjar. Il-Bank Dinji fir-rapport tiegħu jgħid li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi qed jimxu lejn indiċjar ta' l-inflazzjoni għax dan jagħti sigurtà aħjar għal min jirtira f'termini ta' setgħa ta' xiri waqt l-irtirar, bid-dritt għal pensjoni tagħhom ikun indipendenti minn kif jaħdmu r-rati tal-pagi.[78]

### Deċiżjoni ta' Prinċipju: 26

Is-solidarjetà fi ħdan il-ġenerazzjonijiet teħtieġ li d-dħul tal-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru wara l-irtirar jinbena kull sena għall-pensjonanti kollha fuq bażi uniformi annwali. Il-bażi uniformi annwali li għandha tiġi applikata għandha tkun l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut.

## 04.4 Valur 04: Biex jiżdied l-Livell tax-Xogħol

Il-Gvern żviluppa Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Impiegi (NAPE) għall-2005 fi ħdan l-Istrateġija għall-Impiegi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Kif spjegat fil-Kapitolu 03 ta' dan id-dokument, l-espansjoni tal-bażi kontributorja hija premessa essenzjali li s-sistema proposta tal-pensjonijiet għandha tindirizza għas-sostenibbilità fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet, flimkien ma attivitajiet komplementarji meħuda mill-Gvern biex jinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku u biex jiżgura li jkun hemm ħaddiema mħarrġa u f'numru adegwat.

Kif ġie diġà muri, l-istudji dwar il-pensjonijiet mwettqa s'issa huma kollha konsistenti f'li jenfasizzaw li Malta għandha sfida demografika li ser ikollha mpatt fuq is-sostennibilità finanzjarja tas-sistema tal-pensjonijiet. Jenfasizzaw bil-qawwa wkoll il-ħtieġa li l-għadd ta' ħaddiema għandu jiżdied. Dawn l-istudji huma wkoll konsistenti f'li għandha togħla l-età ta' l-irtirar. Ghalkemm ma jaqblux fid-dettal, huma jaqblu fil-prinċipju.

Il-PWG jikkonkludi li bidla fl-età statutorja ta' l-irtirar hija neċessità biex tikkompensa għall-impatt li jinħoloq mirrata ta' rimpjazzament demografiku bħala riżultat ta' ċaqliq antiċipat fl-istruttura demografika tal-popolazzjoni Maltija. F'dan ir-rigward, il-PWG hu ta' l-opinjoni raġunata li r-rakkomandazzjoni tan-NCWR li l-età statutorja ta' l-irtirar ssir 65 sena hija miżura posittiva f'dan ir-rigward.

### Deċiżjoni ta' Prinċipju: 27

Ir-rakkomandazzjoni tan-NCWR li togħla l-età statutorja għal 65 sena hija miżura pożittiva mmirata biex twessa' il-bażi ta' kontribuzzjoni kif ukoll biex tkabbar l-għadd ta' ħaddiema.

Is-sess ma għandu jkollu l-ebda effett fuq id-dritt għal pensjoni ta' l-irtirar. Għalhekk ma għandu jkun hemm l-ebda differenza fl-età statutorja ta' l-irtirar bejn l-irġiel u n-nisa.

### Deċiżjoni ta' Prinċipju: 28

L- età statutorja ta' l-irtirar ta' 65 sena tkun kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

Il-kwistjoni għal diskussjoni f'dan ir-rigward hija dik dwar il-mekkaniżmu li għandu jiġi applikat biex togħla l-età ta' l-irtirar. Għandu dan isir b'effett immedjat għal persuni kollha li jaħdmu, mill-1 ta' Jannar 2006? L-implimentazzjoni għandha tkun inkrementali billi togħla sena għal kull perjodu stabbilit li jibda mill-2006? L-implimentazzjoni għandha tkun immirata għal segment ta' età partikolari – per eżempju, għall-persuni kollha li jkollhom 44 jew inqas mill-1 ta' Jannar 2006? L-età ta' irtirar għandha tkun mandatorja jew għandha tiġi trattata bħala valur ta' referenza biex jinkiseb il-valur tal-pensjoni nominali bl-età attwali ta' irtirar tiġi deċiża mill-individwu, bil-benefiċċji tal-pensjoni jiġu aġġustati skond hekk b'mod ġust attwarju?

Jistgħu jiġu applikati diversi mudelli. Il-mudell li jkollu l-aħjar impatt soċjali pożittiv kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa huwa dak fejn l-età tal-pensjoni ta' 65 sena jintlaħaq b'mod gradat. Għalhekk qed tiġi proposta l-introduzzjoni inkrementali li ġejja ta' età ta' pensjoni miżjuda mandatorja ta' 65 sena:

(a) rigward in-nisa, l-età tal-pensjoni tkun 61 sena b'effett mill-1 ta' Jannar 2007;
(b) iż-żieda fl-età tal-pensjoni għal kulħadd, għall-65 sena, għandha tibda mill-1 ta' Jannar, 2007 kif ġej:

**Tabella 08: Introduzzjoni fi Stadji ta' l-Età Statutorja ta' Irtirar ta' 65 sena**

| Età fl-1 ta' Jannar 2007 | Età ta' L-irtirar |
|---|---|
| 55 sena jew aktar | Ebda bidla |
| 52 sena sa 54 sena | 62 sena |
| 49 sena sa 51 sena | 63 sena |
| 48 sena u anqas | 65 sena |

Minkejja iż-żieda fl-età statutorja, għandu jibqa possibbli għall-individwi li jagħżlu karriera iqsar bejn l-etajiet ta' 61 sa 65 sena fuq il-bażi ta' benefiċċji proporzjonali.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 29

Iż-żieda fl-età statutorja ta' l-irtirar għal 65 sena proposta għandha tkun gradwali bin-nisa jilħqu 61 sena fl-1 ta' Jannar, 2007. Wara dan l-età statutorja ta' l-irtirar għandha tiżdied kif jidher fit-Tabella 08. L-individwi jkunu jistgħu jagħżlu karriera iqsar bejn l-etajiet ta' 61 sa 65 sena fuq il-bażi ta' benefiċċji proporzjonali.

## 04.5 Valur 05: Biex tiġi estiża l-Ħajja tax-Xogħol

Is-sistema ġdida tal-pensjonijiet għandha tkun disinjata biex iżżomm il-ħaddiema jaħdmu wkoll meta jirtiraw billi tintroduċi mekkaniżmi li jinkoraġġixxu ħajja tax-xogħol itwal.

Id-diskussjoni issa tiffoka fuq l-istrumenti ta' politika li għandhom jiġu ntrodotti biex jinkiseb l-għan ta' din il-politika. L-istrumenti ta' politika huma diversi u jistgħu jvarjaw mit-tneħħija ta' skemi ta' irtirar kmieni għall-inqas fejn il-prinċipal huwa l-Gvern, l-introduzzjoni ta' riduzzjonijiet attwarji għall-irtirar kmieni, l-ippremjar b'rati ta' pensjonijiet iktar għolja meta persuna tkompli taħdem wara ċerta età, l-introduzzjoni ta' arranġamenti flessibbli ta' l-irtirar, u li jippermettu arranġamenti ta' xogħol *part time* flessibbli.[79]

Jingħad li sal-limitu possibbli, il-miżuri adotti għandhom jinżammu sempliċi, iżda fl-istess ħin ikunu iddisinjati biex ikunu effettivi. Għalhekk qed jiġi propost li kull persuna li tixtieq tkompli taħdem wara l-età statutorja ġdida ta' l-irtirar tista' tagħmel hekk bl-ebda limitu imqiegħed fuq id-dħul li hu jew hi ser ikollhom. F'dan il-każ l-individwu jkollu d-dritt għall-pensjoni kemm ta' l-Ewwel Pilastru kif ukoll tat-Tieni Pilastru.

Madankollu l-individwu msemmi jkompli jħallas il-kontribuzzjoni tiegħu jew tagħha skond l-Ewwel Pilastru. Ma jkun hemm l-ebda kundizzjoni fuq minn iħaddem li jkollu jżomm persuna taħdem wara l-età statutorja ta' l-irtirar.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 30

Persuna tista' tagħżel li tkompli taħdem wara l-età statutorja ġdida ta' l-irtirar, waqt li tgawdi il-pensjonijiet ta' l-Ewwel u t-Tieni Pilastri, bl-ebda limitu fuq id-dħul, u tħallas l-kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Pilastru.

Wieħed għandu jinnota li proporzjon relattivament kbir tal-poplu Malti titlob benefiċċju ta' l-invalidità u tieqaf taħdem; b'hekk tieqaf milli tifforma parti mill-attività ekonomika. Fl-2002, in-numru ta' benefiċċjarji tal-pensjonijiet ta' l-invalidità kien ta' 7,560 – żieda ta' 12.8% fuq l-2001, u żieda ta' 30.8% fuq l-1998.[80] L-ispiża totali ta' pensjonijiet ta' l-invalidità hija ftit ogħla minn Lm12 miljun – jiġifieri, 15% ta' l-ispiża totali ta' pensjonijiet rigward pensjonijiet ta' l-irtirar li hija ta' Lm80.9 miljun.[81]

Bażikament, għalhekk, jidher li il-pensjoni ta' l-invalidità li saret rotta ta' ħruġ mhux biss għal dawk li jippreżentaw każ ġenwin iżda wkoll għal dawk li jiddeċiedu li jitilqu mis-suq tax-xogħol. F'dan ir-rigward, l-argument hu li l-iskemi tal-pensjoni ta' l-invalidità kif inhuma llum, għandhom jiġu riveduti biex il-kriterji li taħthom individwu japplika għal pensjoni ta' l-invalidità jsiru aktar stretti. Barra minn dan, l-istrument ta' politika għandu jkun immirat lejn ir-rijabilitazzjoni flok it-tluq – billi jadotta il-prinċipju li r-rijabilitazzjoni tiġi qabel il-pensjoni, kif ukoll billi joffri xogħol xieraq alternattiv.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 31

L-iskema preżenti tal-pensjonijiet ta' l-invalidità għandha tiġi riveduta bil-ħsieb li l-kriterji ta' eliġibilità jsiru aktar stretti kif ukoll biex jiġi adottat il-prinċipju ta' 'rijabilitazzjoni jew xogħol alternattiv qabel il-pensjoni'.

## 04.6 Valur 06: Aġġustament tas-Sistema tal-Pensjonijiet Eżistenti b'Mod Bilanċjat

Il-prinċipji espressi f'dan ir-Rapport huma miżuri biex jgħinu biex kemm il-qofol istituzzjonali kif ukoll il-filosofija tas-sistema ġdida tal-pensjonijiet ikunu biex jassiguraw adegwatezza sostenibbli. Ma hemm l-ebda dubju, madankollu, li bidliet fid-disinn istituzzjonali biss mhux ser ikunu biżżejjed.

Waqt li l-Gvern għandu jkompli jżomm il-parametru fundamentali taħt ir-reġim preżenti għall-għoti ta' pensjoni taż-żewġ terzi, qed jiġi dikjarat li hemm bżonn ta' bidliet fil-format u fil-parametri applikati fis-sistema eżistenti.

Il-bidliet parametriċi lis-sistema u t-tluq mis-sistema preżenti tal-pensjonijiet ikkunsidrati huma diskussi hawn taħt.

### 04.6.1 Il-Linja Bażi tal-Kalkolu tal-Kontribuzzjoni

Kemm il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali kif ukoll id-dritt għal pensjoni taż-żewġ terzi huma kalkolati fuq il-paga bażika jew salarju bażiku marbutin ma' limitu statutorju[82].

Il-Bank Dinji jsostni li l-istrument preżenti għandu ħafna nuqqasijiet, jiġifieri[83]:

(i) Jipprovdi lil minn iħaddem u lill-impjegati l-opportunità li jimmanipulaw il-bażi tat-taxxa.
(ii) Jgħawweġ is-swieq tax-xogħol għax min iħaddem isibha irħas li jqabbad ħaddiema bis-sahra minflok ma jqabbad ħaddiema ġodda.
(iii) Ir-rata ta' rimpjazzament tas-sistema ma għandhiex relazzjoni ta' wieħed għal wieħed mad-dħul attwali ma' l-impieg, li tista' ttellef il-mira ta' rimpjazzament tad-dħul.
(iv) Għandu bżonn ta' rati ta' taxxa ogħla li jista' jagħti messaġġ ħażin lis-suq.
(v) Iżid l-ispejjeż ta' amministrazzjoni għal minn iħaddem u għall-awtoritajiet tat-taxxa għax ikollhom x'jaqsmu ma' bażijiet differenti għall-ħlas u ġbir tat-taxxi fuq id-dħul u tas-Sigurtà Soċjali.

Għalhekk il-Bank Dinji jirrakkomanda biex jiġu korretti l-problemi msemmija hawn fuq jiġi adottat s-salarju totali (flus, sahra u ħlasijiet in natura) bħala bażi kontributorja l-istess bħalma jsir għat-taxxa fuq id-dħul.

Waqt li l-estensjoni tal-bażi tal-kontribuzzjonijiet mis-salarju bażiku għas-salarju totali jista', akkost li wieħed jħalli l-prinċipju li benefiċċji jiġu assoċjati ma' kontribuzzjonijiet imħallsa, ikun ġustifikabbli fit-termini tal-kisba ta' solidarjetà fost il-ġenerazzjonijiet biex jassigura aktar sostenibbilità, l-argument hu li l-applikazzjoni tal-bażi ta' salarju totali għall-għanijiet tal-pensjoni mhuwiex strument soċjali xieraq għax dan ser jiġġenera pressjoni fuq dawk il-persuni li qed jaqilgħu inqas mid-dħul massimu tal-pensjonijiet ta' Lm6,750.

**Deċiżjoni ta' Prinċipju: 32**

Il-linja bażi għal kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għal pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru għandha tinżamm fuq is-salarju bażiku.

### 04.6.2 Il-Perjodu ta' Kontribuzzjonijiet għall-Akkumulazzjoni tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru

L-istruttura preżenti tal-pensjonijiet prattikament tippermetti li persuna takkumula il-pensjoni taż-żewġ terzi wara 30 sena ta' impieg. Għalhekk persuna li tibda taħdem wara li tkun spiċċat edukazzjoni sekondarja, edukazzjoni sekondarja ogħla u edukazzjoni terzjarja tilħaq il-perjodu ta' kontribuzzjoni ta' 30 sena meta jkollha 46, 48 u 51/2 sena rispettivament.

Bażikament dan ifisser li ħafna mill-individwi jkomplu jikkontribwixxu sakemm jilħqu l-età statutorja ta' l-irtirar mingħajr ma jakkumulaw benefiċċji tanġibbli għal perjodu li fih jaħdmu wara l-perjodu ta' kontribuzzjoni ta' 30 sena. Għalhekk l-argument huwa li l-perjodu ta' kontribuzzjoni għandu jiġi marbut ma' perjodu ta' xogħol tul il-ħajja. F'dan ir-rigward il-Bank Dinji jirrakkomanda li l-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-akkumulazzjoni tal-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru għandu jiżdied għal perjodu ta' kontribuzzjoni ta' 45 sena.

M'hemm l-ebda dubju li l-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-akkumulazzjoni tal-pensjoni taż-żewġ terzi ta' l-Ewwel Pilastru għandu jagħti stampa iktar reali u ġusta tal-karriera fix-xogħol tal-persuni u għandu jkun iddisinjat bid-diżinċentivi neessarji biex jiskoraġġixxi l-irtirar kmieni jew l-aċċess abbużiv għal pensjonijiet ta' l-invalidità. Għalhekk wieħed jemmen li perjodu ta' kontribuzzjoni ta' 40 sena jkun stampa iktar reali u ġusta tad-definizzjoni ta' karriera sħiħa minn dik li teżisti taħt ir-reġim preżenti.

Minkejja dan kollu, din il-bidla parametrika għandha tiġi ntrodotta gradatament billi timmira għal segmenti ta' età differenti skond it-Tabella 08 biex tnaqqas l-impatt ta' l-introduzzjoni tagħha b'rigward partikolari għal dawk il-persuni li qed jilħqu l-età ta' l-irtirar. Barra minn dan, fil-kuntest ta' din il-miżura proposta, għandha tiġi kunsidrata positivament il-possibbilità li tippermetti individwi li jagħmlu ħlasijiet volontarji biex jagħmlu tajjeb għal xi vojt fl-ammont ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa li jakkumulaw fuq perjodu ta' 40 sena bla ħsara għal ċertu kundizzjonijiet.

**Tabella 09: Perjodu ta' Kontribuzzjonijiet għall-akkumulazzjoni tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi ta' l-Ewwel Pilastru**

| Snin fl-1 ta' Jannar 2007 | Perjodu ta' Akkumulazzjoni |
|---|---|
| 46 sena u aktar | L-ebda bidla mill-perjodu ta' akkumulazzjoni preżenti |
| 40 sena sa 45 sena | 35 sena |
| 39 sena u anqas | 40 sena |

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 33

Il-perjodu ta' kontribuzzjoni għall-akkumulazzjoni tal-pensjoni taż-żewġ terzi ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun skond it-Tabella 09.

### 04.6.3 Il-Perjodu bbażat fuq iż-Żmien għall-Kalkolu tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru

Il-perjodu preżenti bbażat fuq iż-żmien għall-kalkolu tal-pensjoni huwa għal kontributuri tal-Klassi I (impjegati) fuq il-bażi tal-medja ta' l-aħjar tliet snin konsekuttivi mill-aħħar għaxar snin jew għal kontributuri tal-Klassi II (persuni li jaħdmu għal rashom) fuq il-bażi tal-medja ta' l-aħħar għaxar snin. Id-differenza bbażata fuq iż-żmien bejn iż-żewġ klassijiet ta' kontributuri toħloq għadd ta' kwistjonijiet. Dawn huma:

01. Jiddiskrimina bejn persuni li jaħdmu għal rashom u dawk impjegati. Waqt li r-raġunijiet għal diskriminazzjoni bħal din setgħu kienu komprensibbli meta ġew introdotti, il-loġika li dan l-argument jinżamm u li din id-diskriminazzjoni titqiegħed fis-sistema l-ġdida tal-pensjonijiet mhijiex evidenti.
02. Il-ħtieġa li wieħed jiddetermina l-aħjar tliet snin mill-aħħar għaxar snin ta' l-impieg ta' persuna jista' f'ċerti każijiet iqiegħed pressjoni fuq min iħaddem biex iżid is-salarju ta' individwu fl-aħħar snin ta' l-impieg.
03. L-esperjenza ġabet każijiet ta' individwi li ddikjaraw dħul inqas matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom biex imbagħad iddikjaraw dħul ferm għola viċin l-irtirar tagħhom biex igawdu minn pensjoni sħiħa.

L-istess bħalma l-kundizzjoni ta' kontribuzzjoni sħiħa (proposta li tkun 40 sena) imissha turi stampa aktar reali u aktar ġusta tal-ħajja tax-xogħol ta' persuna, hekk ukoll il-perjodu fuq bażi ta' żmien għall-kalkolu ta' pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru għandu jiġi aġġustat biex jirrifletti l-qliegħ matul il-ħajja tax-xogħol u għalhekk ifisser medda livella għal kulħadd għall-kalkolu ta' pensjoni.

Il-perjodu bbażat fuq iż-żmien għall-kalkolu ta' pensjonijiet kemm għal persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll għal impjegat għandu jitqiegħed fuq paragun konsistenti u għal dan ir-rigward il-paragun għal kalkolu ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun perjodu ta' kontribuzzjoni ta' 40 sena.

Hawnhekk ukoll wieħed jemmen li din il-bidla parametrika għandha tiġi ntrodotta gradwalment bħalma hu muri fit-Tabella 10 biex ittaffi l-impatt ta' l-introduzzjoni tagħha partikolarment rigward dawk il-persuni li ser jilħqu l-età ta' l-irtirar.

**Tabella 10: Kalkolu tal-Perjodu bbażat fuq iż-Żmien għall-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru**

| Snin fl-1 ta' Jannar 2007 | Linja Bażi għall-Kalkolu ta' l-Ewwel Pilastru |
|---|---|
| 55 sena u aktar | L-ebda bidla mill-perjodu tal-kalkolu tal-linja bażi preżenti |
| 50 sena sa 54 sena | Medja ta' l-aħjar 5 snin |
| 45 sena sa 49 sena | Medja ta' l-aħjar 10 snin |
| 44 sena u anqas | 40 sena |

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 34

M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn persuni li jaħdmu għal rashom u dawk impjegati fuq il-perjodu bbażat fuq iż-żmien li fuqu l-pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru hija kkalkolata u dan il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq medja ta' akkumulazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' 40 sena u ntrodott kif muri fit-Tabella 10.

## 04.6.4 Id-Dritt għal Pensjoni Massima ta' l-Ewwel Pilastru

Il-jedd massimu taħt l-istruttura eżistenti tal-pensjoni huwa żewġ terzi ta' limitu massimu stabbilit ta' salarju ta' Lm6,750. Kif imsemmi qabel dan hu 33% ogħla mill-paga grossa bażika annwali.

Waqt li l-liġi tipprovdi li kull darba li l-Gvern jagħti żieda ġenerali għall-għoli tal-ħajja u il-pensjoni tiżdied b'żewġ terzi ta' l-għotja għall-għoli tal-ħajja, il-massimu tal-bażi innifisha baqa' ma nbidilx mill-1987[84]. L-**Appendiċi IX** juri ż-żidiet li saru għall-livell massimu minn mindu ġie introdott fl-1979.

Il-materja rigward jekk l-limitu tad-dħul pensjonabbli massimu (MPI) għandhiex tiġi riveduta hija waħda direttament relatata ma' l-impatt tal-kontribuzzjonijiet miżjuda li għandhom jiħallsu minn kemm min iħaddem u persuni li jaħdmu għal rashom minn naħa waħda u l-impjegati minn naħa l-oħra. Rigward dawk ta' l-ewwel, livell miżjud ikollu impatt fuq l-ispejjeż tan-negozju. Rigward ta' l-aħħar, livell miżjud ikollu impatt ieħor fuq id-dħul disponibbli. Meta tkun qed tiġi ndirizzata din il-kwistjoni għandhom jiġu kkunsidrati għadd ta' għażliet. Ħlief dawn li ġejjin, ilkoll ikollhom impatt fuq l-ispejjeż tan-negozju u fuq id-dħul disponibbli:

**(i) Iż-żamma ta' l-MPI preżenti.** Ma' kull sena li tgħaddi il-valur tad-dħul tal-pensjoni jonqos bl-inflazzjoni. L-adozzjoni ta' politika ta' *status quo* iġġib magħha sitwazzjoni ta' valur tal-pensjoni dejjem jitnaqqas fuq medda ta' żmien medju, li tispiċċa fix-xejn fuq medda ta' żmien fit-tul. Din l-għażla weħidha mhijiex ser tissalvagwardja l-adegwatezza għall-pensjonanti futuri.

Din tinforza il-bżonn li kull individwu iħaddan mentalità li wieħed ma jiddependix unikament fuq il-pensjonijiet provduti mill-Istat. Taħt kull ċirkostanza il-pensjonijiet statali għandhom jiġu supplimentati bir-riżervi ta' l-individwu li jkunu ġew akkumulati matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu jew tagħha, inkluż mekkaniżmu tat-Tieni Pilastru.

**(ii) Iż-żamma ta' l-MPI preżenti li jista' jiġi aġġustat kull sena biex iqis l-inflazzjoni.** L-għan ta' din il-miżura huwa dak li jiżgura li l-valur tax-xiri tad-dħul ta' pensjoni ma jonqosx minħabba fl-inflazzjoni la darba l-MPI tiġi aġġustata kull sena marbuta ma' l-inflazzjoni mid-data li tibda sseħħ is-sistema ġdida tal-pensjonijiet.

Bill-premessa li dan l-aġġustament ikun fuq bażi annwali u jiġi applikat kumulativament, din il-miżura tiżgura li l-valur tad-dħul ta' pensjonanti futuri ma jkunx inqas minn dak li jirċievu pensjoni llum. Din l-għażla tfisser ukoll li l-kontribuzzjonijiet imħallsa jiżdiedu flimkien mal-MPI aġġustat kull sena. Wieħed għandu jenfasizza li l-Bank Dinji fir-rapport tiegħu rrakkomanda l-adozzjoni ta' din l-għażla.[85]

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 35

Il-limitu ta' l-MPI ta' l-Ewwel Pilastru għandu jkun l-MPI aġġustat kull sena biex iqis l-inflazzjoni.

### 04.6.5 Il-Linja Bażi tad-Dħul għad-Determinazzjoni tal-Pensjoni ta' l-Ewwel Pilastru

Il-pensjoni mmirata għal karriera sħiħa taħt is-sistema preżenti tal-pensjonijiet hija ta' żewġ terzi tal-paga bażika. Il-Bank Dinji jiddikjara li :

> *"Matul il-karrieri tax-xogħol tagħhom, il-ħaddiema jħallsu 10% tal-paga tagħhom għal pensjonijiet u għas-saħħa u mill-inqas 15% oħra għal taxxi fuq id-dħul. Għalhekk pensjoni ta' żewġ terzi tipprovdi benefiċċju li hu ekwivalenti għal 88% tas-salarju nett ta' l-individwu."*[86]

Il-Bank Dinji jżid jgħid li l-ħaddiema frekwentement jipprovdu għat-tfal, u forsi, għall-ġenituri; waqt li matul l-irtirar persuna normalment tipprovdi biss għaliha nnifisha u għall-konjuġi. Għalhekk persuna irtirata waqt li żżid l-ispiża tiegħu jew tagħha fuq materji ta' saħħa ikollha bżonn ta' ħafna inqas dħul biex tkun ugwalment f'posizzjoni tajba bħala ħaddiem.[87]

Il-Bank Dinji jasal għal konklużjoni li l-adozzjoni ta' strument li jistabbilixxi l-mira ta' pensjoni għal karriera sħiħa bħal żewġ terzi tal-paga netta minflok żewġ terzi tal-paga gross, waqt li tkun qed iżżomm il-prinċipju ta' pensjoni ta' żewġ terzi, tnaqqas l-ispiża ta' l-iffinanzjar ta' pensjonijiet mingħajr ma jkollha effett negattiv b'mod sostanzjali fuq id-drittjiet għal benefiċċji tal-persuna li tirtira.

Fil-valutazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-konklużjoni li ntlaħqet hija li din il-proposta m'għandhiex tkun ikkunsidrata b'mod posittiv, prinċipalment għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, l-adozzjoni ta' din il-proposta tnaqqas iktar u iktar l-adegwatezza tad-dħul tal-pensjoni riċevuta. Waqt li hu meħtieġ li jsiru bidliet biex tinżamm is-sostenibbilità hu wkoll meħtieġ li jinżamm bilanċ fil-miżuri li għandhom jiġu ntrodotti biex tinkiseb din is-sostenibbilità. Għandu jiġi mfakkar li l-Bank Dinji ppropona wkoll li l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għandha titħallas fuq il-qligħ totali mill-impieg (salarju, sahra, u ħlasijiet *in kind*, eċċ.) waqt li rrakkomanda li d-dħul tal-pensjoni jkun kalkolat fuq il-paga netta.

It-tieni, il-proposta mhijiex favorevoli għall-ambjent soċjali tagħna. Malta, mhux bħal f'pajjiżi oħra, iżżomm qafas qawwi ta' familja estiża. Pensjonanti li għandhom tfal u neputijiet ikomplu jieħdu ħsieb il-familja estiża, sa fejn ikun possibbli. Din l-istruttura b'saħħitha ta' familja estiża għandha tkun inkoraġġita, sa fejn hu possibbli.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 36

## Il-linja bażi tad-dħul għad-determinazzjoni ta' l-Ewwel Pilastru għandha tibqa żewġ terzi tal-paga bażika.

### 04.6.6 Kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu fuq l-Ewwel Pilastru

L-Ewwell Pilastru huwa preżentement iffinanzjat kif ġej:

(a) Kontribuzzjonijiet tal-Klassi I (Impjegati): 10% mill-Istat, 10% minn min iħaddem, 10% mill-Impjegat bla ħsara għal kontribuzzjoni stabbilita minima u massima

(b) Kontribuzzjonijiet tal-Klassi II (Persuni li jaħdmu għal rashom / Persuni li jaħdmu għalihom infushom): 15% tad-dħul li jinqala' / annwali bla ħsara għal kontribuzzjoni stabbilita minima u massima. Il-kontribuzzjoni li titħallas mill-Istat hija ekwivalenti għal 50% ta' din il-kontribuzzjoni.

Il-parametri tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Pilastru huma materja ta' natura sensittiva meta wieħed iqis l-impatt li jista' jkollhom fuq l-ekonomija u l-kompetittività ta' Malta kif ukoll l-impatt fuq il-livell ta' għixien ta' persuna minħabba fid-dħul disponibbli.

Il-Bank Dinji fl-istudji attwarji tiegħu kkonkluda li:

(i) Il-kontribuzzjoni tal-Klassi I għall-Ewwel Pilastru ma tinbidilx.[88]

(ii) Il-kontribuzzjoni tal-Klassi II, premess li d-differenza li teżisti bejn il-kontribuzzjonijiet ta' l-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom, għandha tiżdied għal 20% - u li 50% tal-kontribuzzjoni għandha titnaqqas mit-taxxa fuq id-dħul.

Wara li saru mudelli tad-diversi kategorji ta' persuni li jaħdmu għal rashom, is-simulazzjonijiet juru li fiċ-ċirkostanzi preżenti r-rakkomandazzjoni tal-Bank Dinji jkollha impatt negattiv.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 37

Il-kontribuzzjonijiet tal-Klassi I u tal-Klassi II m'għandhomx jinbidlu.

## 04.7 Sistema ta' Valur 07: Biex tirrendi s-Sistema tal-Pensjonijiet Sostenibbli fil-Kuntest ta' Finanzi Pubbliċi B'Saħħithom

Is-sostenibbilità finanzjarja tas-sistema tal-pensjonijiet hija marbuta sinifikatament mas-sostenibbilità tal-finanzi pubbliċi in ġenerali. Għalhekk azzjoni aggressiva biex jitnaqqas kontinwament d-dejn pubbliku, u bħala konsegwenza ta' l-imgħaxijiet fuq il-pagamenti, għandu jibqa prijorità fundamentali.

Madankollu, wieħed għandu jinnota illi l-pensjonijiet jikkostitwixxu l-biċċa l-kbira ta' l-ispiża totali tal-Gvern. Barra minn dan, kif inhuma strutturati llum, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jkopru mhux biss il-benefiċċji kontributorji u pensjonijiet oħra iżda wkoll benefiċċji dwar is-saħħa u benefiċċji mhux kontributorji; għalhekk jeżisti l-*welfare gap*.

F'dan ir-rigward, l-argument hu li huma meħtieġa tliet bidliet strutturali fil-mod kif hu organizzat il-finanzjament tas-Sigurtà Soċjali.

**(a) Finanzjament ta' l-Assigurazzjoni għas-Saħħa parzjalment mill-Kontribuzzjonijiet ta' l-Ewwel Pilastru**

Kif imħabbar fl-estimi tal-Gvern ta' l-2004, il-finanzjament għas-saħħa għandu jkun separat mill-finanzjament ta' benefiċċji kontributorji u mhux kontributorji li jaqgħu taħt ir-reġim tas-sigurtà soċjali. Din l-ewwel bidla strutturali tissepara totalment il-finanzjament għas-saħħa minn spejjeż oħra relatati mas-sigurtà soċjali. Barra minn dan, il-Gvern iddikjara wkoll li l-assigurazzjoni fuq is-saħħa ser tkun parzjalment imħallsa mill-kontribuzzjonijiet PAYG.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 38

Id-dikjarazzjoni fl-estimi ta' l-2004 li l-finanzjament għas-saħħa għandu jkun separat mill-finanzjament għas-sigurtà soċjali u maqlugħ kompletament skond hekk, u li parti mill-kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali għandha tiffinanzja is-servizzi tas-saħħa għandha tkompli sseħħ.

### (b) Twaqqif ta' kont *Ring Fenced* għal Benfiji Kontributorji u Pensjonijiet

Il-finanzjament tal-benefiċċji kontributorji u pensjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Ewwel Pilastru għandu jkun regolat billi jiġu mqiegħda fis-sod f'kont wieħed kemm id-dħul li jinġabar mill-Gvern permezz ta' ħlasijiet tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali – bl-esklużjoni ta' dak is-sehem tal-kontribuzzjoni li jmur għall-fond dwar is-saħħa – kif ukoll l-ispiża li għandha x'taqsam ma' l-amministrazzjoni u mal-ħlas tal-benefiċċji kontributorji assoċjati.

Mekkaniżmu *ring fenced* jikseb żewġ benefiċċji fundamentali:

(i) Jiżgura li l-kontribuzzjonijiet imħallsa jiffinanzjaw il-benefiċċji u l-pensjonijiet li jakkumulaw minn dawn il-kontribuzzjonijiet.

(ii) Juri f'kull ħin l-istat reali tal-flejjes rigward iż-żejjed jew l-iżbilanċ fil-finanzjament ta' benefiċċji kontributorji.

Madankollu, wieħed jista' jistaqsi jekk kont *ring fenced* ikunx biżżejjed biex jilħaq l-ispiża total għall-pensjonijiet ukoll jekk jiġu introdotti l-bidliet imsemmija f'dan ir-Rapport. Wieħed jista' forsi jikkonkludi li meta wieħed iqis l-isfidi msemmija qabel, id-dħul li s-sistema ġdida tal-pensjonijiet ser tiġġenera mhux dejjem ser iħalli kont bilanċjat.

Għalhekk hemm bżonn li jinħolqu mekkaniżmi biex jiżguraw li jkun hemm mod kontrollat li bih jiġu newtralizzati żbilanċji li jinħolqu. Kont *ring fenced* ser jiffaċilita l-introduzzjoni ppjanata tal-bidliet li jistgħu jkun meħtieġa b'mod inkrementali biex ikun hemm kont bilanċjat għax l-informazzjoni amminstrattiva dwar is-saħħa ta' dan il-kont tkun disponibbli fi żmien reali. Dan jevita sitwazzjoni fejn l-istat tal-kont isir magħruf tard wisq u b'hekk ikun jeħtieġ bidla radikali bl-implikazzjonijiet diffiċli u riperkussjonijiet sussegwenti.

Strument ta' politika potenzjali f'dan ir-rigward huwa l-istabbiliment ta' *item* ta' riżerva fi ħdan il-Kont propost. Dan il-mekkaniżmu użat f'numru ta' Stati ta' l-UE sabiex "jenfasizzaw ir-rabta tagħhom ma' finanzi pubbliċi b'saħħithom…. jenfasizzaw (din ir-rabta) billi jistabbilixxu fondi ta' riżerva, ħafna drabi barra mill-estimi pubbliċi, li jippermettu lill-Gvern iżomm livelli ta' pensjoni adegwati għas-segment tal-*baby boom*, u b'hekk inaqqsu l-ħtieġa biex jgħollu t-taxxi jew il-kontribuzzjonijiet."[89]

Konsiderazzjoni oħra tinvolvi ż-żamma tal-mekkaniżmu preżenti ta' approprjazzjoni interna jew l-iddisinjar mill-ġdid ta' dak il-mekkaniżmu biex jiġi żgurat li l-attivazzjoni tinbeda biss taħt kondizzjonijiet speċifiċi.

L-adozzjoni ta' kont *ring fenced* tqajjem il-kwistjoni tal-ġestjoni ta' dak il-Kont.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 39

Jiġi stabbilit kont *ring fenced* għall-benefiċċji kontributorji u pensjonijiet b'ġestjoni trasparenti xierqa.

### (c) Benefiċċji Mhux Kontributorji

Il-benefiċċji mhux kontributorji, li bħalissa huma ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà, għandhom jiġu ffinanzjati b'permezz tal-Fond Konsolidat.

# 04.8 Sistema ta' Valur 08: Biex tagħraf Pawsi Perjodiċi fil-Parteċipazzjoni fis-Suq tax-xogħol

## 04.8.1 Natura ta' Impjieg Atipiku tan-Nisa

Is-sistema eżistenti tal-pensjonijiet, kif imesmmi fil-Kapitolu 03, għadu jirrifletti l-istrutturi ta' familja tradizzjonali u suq tax-xogħol. L-irġiel, irrispettivament mill-età u l-istat familjari, għandhom xejra li jkunu f'impieg *full time*. Minn naħa l-oħra, ħafna nisa, jitilqu minn xogħol *full time* għall-ebda xogħol u potenzjalment lura għal *part time* jew sigħat imnaqqsa hekk kif ikollhom responsabbiltajiet tal-familja.

Inevitabbilment, minbarra li jnaqqas l-għadd ta' nies li jaħdmu, dan jagħmilha aktar diffiċli għan-nisa biex jibnu dritt għal pensjoni adegwata minħabba nuqqas fin-numru ta' kontribuzzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, hemm tendenza li l-mara medja taqla' inqas minn raġel medju għax ġeneralment in-nisa huma mpjegati f'xogħol li jkollu livelli ta' paga jew salarju inqas. Fil-fatt is-salarju medju ta' mara huwa Lm4,502 meta paragunat ma' dak ta' raġel li hu Lm5,299.[90]

Is-sistema tal-pensjonijiet preżenti mhuwiex ġust man-nisa għax jippenalizza n-nisa għal dak il-perjodu fejn huma involuti f'xogħol li għandu x'jaqsam ma' li jieħdu ħsieb il-familja, it-twelid tat-trabi, u t-trobbija tat-tfal. Għalhekk in-nisa ma jistgħux jiksbu dritt għal benefiċċji għal pensjonijiet minkejja l-fatt li jkunu ħallsu l-kontribuzzjoni sħiħa għal perjodu meta kienu fl-impieg. Fit-tfassil taghha, is-sistema preżenti tal-pensjonijiet ma tirrikonoxxix u ma tqisx is-sitwazzjoni atipika fuq ix-xogħol tan-nisa.

Għalhekk f'dan ir-rigward għandhom jiġu imfassla u ntrodotti miżuri biex iħajjru n-nisa lura għax-xogħol u b'hekk iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom tas-sigurtà soċjali li jippermettilhom jakkwistaw dritt għal pensjoni.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 40

Ir-realtà ta' l-impieg atipiku tan-nisa u l-problemi li jirriżultaw għad-dritt tal-pensjoni għandhom jiġu rikonoxxuti u għandhom jiġu ntrodotti strumenti ta' pensjoni li jirriflettu din ir-realtà.

## 04.8.2 Responsabbiltajiet tal-Ġenituri rigward it-Twelid u t-Trobbija tat-Tfal

Ir-responsabbilitajiet tal-ġenituri rigward it-twelid u t-trobbija tat-tfal huma rwol soċjali ta' valur li l-Gvern għandu jippromwovi. Iżda, is-sistema preżenti tal-pensjonijiet tiddiskrimina kontra persuni li jagħmlu żmien ma jaħdmux matul is-snin bikrin ta' trobbija tat-tfal.

Wieħed għandu jżid jgħid li d-Direttiva 79/7[91] ta' l-EU tirrikjedi t-trattament ugwali ta' l-irġiel u nisa f'miżuri statutorji ta' sigurtà soċjali. Id-Direttiva tippermetti l-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet fid-drittijiet għal pensjoni għat-trobbija tat-tfal. Wieħed għandu jinnota li l-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, ir-Renju Unit u l-Isvezja kollha introduċew miżuri ta' kreditu għal pensjoni biex jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet għat-trobbija tat-tfal.

Hemm ħafna kwistjonijiet assoċjati mat-tfassil ta' strument ta' politika li jipprovdi krediti għat-trobbija tat-tfal għal kontribuzzjonijiet tal-pensjoni ta' persuna. Il-kwistjonijiet ivarjaw minn kif għandu jingħata l-kumpens; għal kemm żmien; jekk l-individwu għandux ikun kompletament ma jaħdimx biex jikseb kreditu. Jekk il-kreditu għandux jingħata għal ġenitur ikun minn ikun; u jekk din id-deċiżjoni ta' l-aħħar issirx mill-ġenituri nfushom.

Għalhekk wieħed jista' jargumenta, illi għandu jiġi konsidrat b'mod posittiv strument ta' politika li jqis ir-responsabbilitajiet tal-ġenitur rigward it-twelid tat-trabi u t-trobbija tat-tfal billi jipprovdi għall-ikkreditar gradwali tal-kontribuzzjonijiet ta' l-individwu kif ukoll il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet volontarji taħt kondizzjonijiet stabbiliti.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 41

Għandu jiġi konsidrat b'mod posittiv strument ta' politika li jqis ir-responsabbilitajiet tal-ġenituri rigward perjodi ta' twelid tat-trabi u t-trobbija tat-tfal billi jipprovdi għall-ikkreditar gradwali tal-kontribuzzjonijiet ta' l-individwu kif ukoll il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet volontarji taħt kondizzjonijiet stabbiliti.

Iżda l-kwistjoni ma tistax tiġi solvuta biss fuq livell fiskali sakemm tibqa teżisti d-diviżjoni tradizzjonali bejn ir-rwoli tas-sessi, fejn in-nisa jidhru jew jiġu mqiegħda taħt pressjoni soċjali li jkunu responsabbli esklużivament għal dak li jiġri fid-dar u għat-trobbija tat-tfal, din il-'*double shift*' tiffunzjona kontra li n-nisa ikollhom impieg *full time* jew *part time.*

Għalhekk, miżuri li sabiex ikun hemm bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, mhux l-anqas billi wieħed jinkoraġixxi li r-responsabbiltajiet domestiċi jiġu maqsuma, faċilitajiet ta' *child care* u strumenti oħra mmirati għall-appoġġ huma elementi essenzjali ta' politika li hemm bżonn li wieħed jirrafforza sabiex jinkoraġixxi mhux biss li aktar nisa jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol iżda wkoll li n-nisa li jaħdmu jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 42

Għandha tiġi rafforzata l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex ikun hemm bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja; b'hekk jiġi żgurati kemm aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol kif wkoll li n-nisa jibqgħu jaħdmu.

### 04.8.3 Xejriet ta' Impjiegi u Karrieri li qed jinbidlu rapidament

Ix-xejriet tal-impiegi u tal-karrieri qed jinbidlu rapidament. Qed ikun hemm tendenza lejn kuntratti ta' l-impieg definiti u imporatanza dejjem tikber ta' xogħol temporanju, xogħol każwali, xogħol *part time*, etċ.

Barra minn dan, wieħed għandu jsemmi li l-kunċett ta' 'xogħol wieħed għal tul ħajtek' ma għadux il-mira ta' ħafna individwi, bil-ħtieġa ta' bidla fil-karriera ssir, aktar u aktar, ir-regola. Il-bidliet fir-riżultati ekonomiċi li joħorġu mill-impatt esponenzjali tal-globalizzazzjoni kif ukoll mir-ristrutturazzjoni ekonomika li jġib miegħu pawsi minħabba fil-qgħad, żmien mgħoddi f'taħriġ mill-ġdid u edukazzjoni kontinwa, etċ. Bażikament, il-kondizzjonijiet li jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, kemm minħabba fl-influenzi interni u kif ukoll esterni, qegħdin iġibu magħom pawsi dejjem ikbar fil-perjodi ta' xogħol ta' l-individwi: perjodi ta' impjieg *part time*, xogħol mid-dar, mobilità transnazzjonali, bdil bejn forom differenti ta' impieg, etċ.

Mgħaqqad essenzjalment ma' dawn il-pawsi huwa inevitabbilment dħul li jvarja. Is-sistema preżenti tal-pensjonijiet, kif imfassla, probabilment tirriżulta fi żbilanċ fid-drittijiet ta' pensjoni ta' l-individwi. Għalhekk is-sistema ġdida ta' pensjonijiet għandha tkun imfassla b'mod illi tqis il-flessibilità li hija riflessjoni ta' normi ġodda fis-suq ta' l-impiegi.

Għandhom jittieħdu miżuri biex jitneħħew dawk l-elementi fis-sistema li jinkoraġġixxu perjodi ta' inattività, jew attività fl-ekonomija informali meta n-nies għandhom jiġu mħajra jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, ukoll fuq bażi *part time.*

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 43

Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jitneħħew dawk l-elementi fis-sistema li jinkoraġġixxu perjodi ta' inattività jew attività fl-ekonomija informali meta persuni għandhom jiġu mħajra biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, ukoll fuq bażi *part time.*

### 04.8.4 Tagħlim tul il-ħajja

Wieħed mill-għanijiet ta' Malta huwa li tipparteċipa b'suċċess fl-ekonomija bbażata fuq tagħrif kompetittiv u kemm il-Gvern kif ukoll l-istituzzjonijiet privati għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp tal-bidla istituzzjonali, teknoloġika u organizzattiva biex tkattar il-produttività u l-innovazzjoni.

Ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Politika Soċjali f'Unjoni Ewropea Mkabbra jikkonkludi li:

*"Dan jista' jinkiseb biss b'ħaddiema li għandhom kwalifiċi li huma dejjem adattati għad-domanda ta' bidla ….. (u) li Sħubija Soċjali (dwar tagħlim tul il-ħajja) …. (introdotti) fuq livell nazzjonali jistgħu jimplimentaw tagħlim tul il-ħajja ".*[92]

Waqt li kumpanniji u entitajiet governattivi għandhom dmir li jħaddnu tagħlim tul il-ħajja fost il-persunal tagħhom, biex ikunu jistgħu jirrafforaw kontinwament il-kapital intellettwali ta' l-organizzazzjonijiet, għandhom jiġu promossi wkoll fuq il-livell nazzjonali mekkaniżmi biex iħajru l-individwi jsegwu tagħlim tul il-ħajja.

F'dan ir-rigward għandu jiġi konsidrat b'mod pożittiv it-tfassil ta' strumenti li jqisu 'krediti' meta wieħed jgħaddi minn perjodi mhux imħallsa ta' taħriġ, tagħlim fuq snajja' mill-ġdid u żvilupp kontinwu.

## Deċiżjoni ta' Prinċipju: 44

Għandu jiġi konsidrat b'mod pożittiv it-tfassil ta' strumenti li jqisu 'krediti' meta wieħed jgħaddi minn perjodi mhux imħallsa ta' taħriġ, tagħlim fuq snajja' mill-ġdid u żvilupp kontinwu.

71 pġ 31, Joint Report by the Commission and the Council on Adequate and Sustainable Pensions, ECOFIN 76, SOC 115, 7165/03, 10 ta' Marzu 2003, Brussel.

72 pġ 3, OECD Recommendation on Core Principles of Occupational Pension Regulation

73 pg 3, OECD Recommendation on Core Principles of Occupational Pension Regulation

74 pg 52, Simplicity, Security and Choice: Working and Saving for Retirement, Secretary of State for Work and Pensions, Renju Unit, Diċembru 2002

75 pġ 4, OECD Recommendation on Core Principles of Occupational Pension Regulation

76 Din il-figura tikkonsisti f'poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u *whole life policies* iżda teskludi poloz ta' l-assigurazzjoni għal perjodu jew marbutin ma' unità li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru, 2003. Rapport ad hoc mill-MFSA, Ottubru 2004

77 pġ 139, Economic Survey, January – September 2003, Diviżjoni tal-Politika Ekonomika, Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, 24 ta' Novembru, 2003

78 4.05 (2), The Maltese Pensions System: An Analysis of the Current System and Options for Reform, Bank Dinji, Marzu 2004

79 pġ 56, Joint Report by the Commission and the Council on Adequate and Sustainable Pensions, ECOFIN 76, SOC 115, 7165/03, 10 ta' Marzu 2003, Brussel

80 pġ 44, Social Protection In Malta: A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002, Uffiċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Malta, Frar 2004

81 Pġ 45, ibid

82 Fl-2004 il-kontribuzzjoni massima tas-sigurtà soċjali u l-pensjoni taż-żewġ terzi huma kkalkolati fuq limitu ta' paga bażika jew salarju bażiku ta' Lm6,748.

83 2.08 (iv), The Maltese Pensions System: An Analysis of the Current System and Options for Reform, Bank Dinji, Marzu 2004

84 L-MPI ġiet iffissata għal Lm6,000 fl-1979. Din ġiet miżjuda kif ġej: Lm6,300 fil-5 ta' Jannar 1981, rata massima fil-ġimgħa miżjuda minn Lm57.7 għal Lm 70.5 f'Jannar 1982, u l-MPI miżjuda għal Lm6,750 fl-1 ta' Jannar 1987

85 4.08 (i), The Maltese Pensions System: An Analysis of the Current System and Options for Reform, Bank Dinji, Marzu 2004

86 4.05 (i) (4), ibid

87 ibid

88 pg 6, MCESD, Explanatory Note regarding the World Bank Proposal on the Reform of the System of Pension in Malta

89 Pg 70, Joint Report by the Commission and the Council on Adequate and Sustainable Pensions, ECOFIN 76, SOC 115, 7165/03, 10 ta' Marzu, 2003, Brussel

90 Pg 5, Labour Force Survey: December 2003 Uffiċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, 30 ta' Marzu, 2004

91 Fil-qasam tal-pensjonijiet tax-xogħol, id-Direttiva 96/97KE immodifikat bid-Direttiva 86/378 KE biex iġġibha konformi ma' l-Artikolu 141 kif interpretat mill-Qrati tal-Ġustizzja Ewropej. Tirrestrinġi wkoll derogi possibbli meta mqabbla mad-Direttiva 79/7 għax l-artikolu 141 tat-Trattat jeħtieġ li n-nisa u l-irġiel għandhom jirċievu l-istess paga għall-istess xogħol; inklużi pensjonijiet tax-xogħol.

92 pg 48, Report of the High Level Group on the Future of Social Policy in an Enlarged European Union, Direttorat Ġenerali għall-Impiegi u Affarijiet Soċjali, Kummissjoni Ewropea, Mejju 2004